Parliamentary Questions

Date : 07/03/2007

**1 . QORTI TA' GĦAWDEX**

**24353. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tara li l-kamra li ġiet allokata fil-bini tal-Qorti ta' Għawdex għall-avukati tiġi fornuta b'*computer*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li fil-kamra allokata għall-avukati diġa' hemm *computer*.

Seduta 506

13/03/2007

**2. IMPRENDITURI GĦAWDXIN - SKEMI OFFRUTI MILL-MALTA ENTERPRISE**

**Date 7/3/07**

**24354. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka skemi/inċentivi/sussidji offruti mill-Malta Enterprise lill-imprendituri Għawdxin; jgħid kemm ilhom viġġenti dawn l-iskemi/inċenvitivi/sussidji u kemm ibbenefikaw f'dawn l-aħħar ħames snin minn kull skema/inċentiv/sussidju?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 506

13/03/2007

**3. EŻAMIJIET TAL-MATSEC**

Date 07/03/07

**24355. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti Għawdxin se joqogħdu għall-eżamijiet tal-MATSEC f'kull suġġett separatament?

**ONOR. LOUIS GALEA:** It-tagħrif mitlub ser jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 506

13/03/2007

**4. MĠARR, GĦAWDEX - SIDIEN TAL-GABBANI**

Date 5/3/07

**24261. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Peress li s-sidien tal-gabbani li hemm fl-Imġarr, Għawdex għadhom ma ngħatawx post alternattiv b'mod definit meta jkun lest il-proġett ta' l-Imġarr u peress li dawn in-nies qegħdin isofru danni u preġudizzju minħabba dan l-istat ta' inċertezza, jista' l-Ministru jgħid xi pjani għandu l-gvern fil-konfront ta' dawn in-nies?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li l-Awtorita' Marittima ħadet ħsieb sabiex il-gabbani li hemm fl-Imġarr, Għawdex u li kienu ġew affetwati mill-proġett minħabba x-xogħol tal-kostruzzjoni jingħataw post alternattiv. Fil-fatt, xi tlett ġimgħat ilu, dawn ġew allokati post ġdid minn fejn joperaw.

Seduta 505

12/03/2007

**5. RABAT, GĦAWDEX - TAR-RUMMIENA**

**Date :** 05/03/2007

**24262. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li fl-inħawi magħrufa bħala Tar-Rummiena l/o Rabat, Għawdex senjatament fil-parti fejn hemm il-*cross roads* hemm ħafna *blind spots*

u li jikkostitwixxu periklu għas-sewwieqa, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li jsir stħarriġ dwar dan biex tinstab soluzzjoni?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nixtieq ninfurmak li saret spezzjoni fuq il-post minn uffiċjali ta' l-Awtorita tat-Traspost u l-*blind spots*, li għalihom qed tirreferi din il-mistoqsija parlamentari, ser jiġu diskussi mall-Kunsill Lokali tax-Xewkija Għawdex sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri li hemm bżonn u tali *blind spots* jiġu ndirizzati.

Seduta 505

12/03/2007

## 6. ADT - EŻAMI TAT-TEORIJA GĦAL-LIĊENZJA TAS-SEWQAN

Date : 05/03/2007

**24268. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li persuni li mhumiex *computer litterate* qed isibuha diffiċli ħafna sabiex jagħmlu l-eżami tat-teorija għal-liċenzja tas-sewqan, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li dawn jingħataw għajnuna anke permezz ta' uffiċjali ta' l-awtorita' stess sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan l-eżami?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nirreferi l-Onorevoli Interpellant li persuni li mhumiex *computer literate* li jersqu għat-Test tas-Sewqan tat-Teorija fil-fatt jingħataw l-għajnuna meħtieġa mill-i*staff* taċ-Ċentru tat-Teorija dwar kif jużaw il-kompjuter li jaħdem bis-sistema tat-*Touch Screen.*

Seduta 505

12/03/2007

## 7. ARTISTI GĦAWDXIN

**Date :** 07/03/2007

**24350. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid u telenka l-għajnuniet li ngħataw lill-artisti Għawdxin f'dawn l-aħħar ħames snin u tindika min huma l-artisti u l-għajnuniet rispettivi li ngħataw?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 505

12/03/2007

**8. GĦAWDEX - TRIQ TA' SAN LAWRENZ**

Date : 07/03/07

**24351. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid min huma l-periti li kienu nkarigati mill-istudju dwar l-ipproġettar tat-Triq ta' San Lawrenz?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li d-disinn tat-triq, il-pjanti, d-dokumenti tat-tender kif ukoll l-applikazzjoni għall-permess tal-MEPA saru mill-Periti tan-'*Network Infrastructure Directorate*' fi ħdan l-Awtorita dwar it-Transport.

Seduta Numru 505

12/03/2007

**9. GOZO CHANNEL - CREW**

Date : 07/03/07

**24352. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm *crew* tal-Gozo Channel li telaq? Jista' jgħid meta u jekk il-post vakant reġgħex ġie mimli?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor Interpellant jgħid għall-liema perjodu qiegħed jirreferi.

Seduta 505

12/03/2007

## 10. GĦAWDEX - MITTS

Date : 21/02/07

**24050. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għal liema raġuni l-MITTS ta' Għawdex mhux qed jieħdu t-telefonati direttament huma imma t-telefonata qed tidħol Malta bil-konsegwenza li qed ikun hemm dewmien fis-servizz provdut u b'hekk jinħoloq inkonvenjent lil kull min jinħtieġ l-għajnuna tat-tekniċi f'Għawdex?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninsab infurmat, li s-servizz ċentralizzat huwa sempliċiment is-servizz ta' teħid tat-telefonati. Servizz bħal sapport fuq kompjuters għand il-klijent għadu jsir mill-istess impjegati.

Seduta 501

28/02/2007

## 11. SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - ŻBROFF TA' DRENAĠĠ

Date : 21/02/2007

**24052. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li fir-residenza ta' l-anzjani Sant'Anna fl-iSptar Ġenerali ta' Għawdex hemm intejjen kbar in konsegwenza ta' problema fis-sistema tad-drenaġġ li anke kien hemm żbroff ta' drenaġġ fl-istess sala, tista' l-Ministru tgħid meta se tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jitneħħa dan l-inkonvenjent? Tista' tgħid ix-xogħlijiet minn se jagħmilhom u kemm huwa stmat li se jiġu jiswew?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li kif ġie rappurtat li kien hemm x'irwejjah ta' drenaġġ giet identifikata l-problema u beda x-xogħol minnufih. Ix-xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ tar-Residenza Sant'Anna sar bejn il-21 u t-23 ta' Frar 2007. Dan ix-xogħol sar mis-sur Michael Refalo u b'kollox ġie jiswa LM 389,40,0 (vat inkluż)

Seduta 501

28/02/2007

## 12. SPIŻERIJA TAL-GVERN - NUQQAS TA' MEDIĊINI

Date : 21/02/07

**24041. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li qed isiru lamenteli mill-pubbliku dwar nuqqas ta' Ventolin u Aspirina fl-ispiżerija tal-gvern, tista' l-Ministru tindirizza dan in-nuqqas?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nixtieq ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li l-Aspirina u il-Ventolin nebuliser solution, ilhom għal xi żmien *out of stock* mill-stores ta' l-Isptar San Luqa.

Għaldaqstant l-ispiżerija ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex qed tagħti tip ta' aspirina li s-soltu jeħodha biss minn għandu permess speċjali. Il-Ventolin nebuliser solution joħroġ biss għat-tfal li għandhom permess speċjali iżda fil-mument qed jingħata lill-pazjenti tas-swali biss. Minkejja dan, mhemmx nuqqas ta' Ventolin inhaler fl-Isptar u dan qed jingħata kif inhi l-prassi eżistenti.

Seduta 500

27/02/2007

## 13. MĠARR, GĦAWDEX - PARKEĠĠ FIT-TERMINAL

Date : 21/02/07

**24042. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'involviment għandha l-Ministru fid-diskussjonijiet dwar il-parkeġġ fit-*terminal* ta' l-Imġarr, Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nixtieq ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li t-terminal ta' l-Imġarr, Għawdex inkluż il-parkeġġ ta' ġo fih jaqa' taħt ir-responsabilta' tal-*Malta Maritime Authority*.

Seduta 500

27/02/2007

## 14. RABAT, GĦAWDEX - UFFIĊINI TAL-PULIZIJA

Date: 21/02/07

**24043. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Peress li mill-uffiċini tal-pulizija fir-Rabat, Għawdex tneħħew xi pulizija u li in konsegwenza ta' dan inħoloq inkonvenjent lill-pubbliku għax qed idum iktar ma jinqeda, jista' l-Viċi Prim Ministru jindirizza din il-problema?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi fil-preżent fl-uffiċċju tal-Pulizija ġewwa r-Rabat Għawdex hemm jaħdmu 8 membri tal-Korp flimkien ma' 3 impjegati tas-servizz ċivili. Dan in-numru huwa kkunsidrat suffiċjenti sabiex ilaħħaq max-xogħol li jsir f'dan l-istess uffiċċju.

Seduta Numru 500

27/02/2007

## 15. GĦAWDEX - ĦADDIEMA F'DIPARTIMENTI TAL-GVERN

Date: 21/02/07

**24044. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid f'kull dipartiment tal-gvern f'Għawdex kemm hemm ħaddiema rġiel u kemm hemm nisa, kif ukoll tindika f'kull dipartiment kemm hemm impjegati nisa bir-*reduced hours* u *flexi-time*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 500

27/02/2007

## 16. VAPUR MV GAUDOS - RAMPA

Date : 21/02/07

**24045. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Peress li r-rampa tal-vapur MV Gaudos ta' spiss tkun bil-ħsara u dan ikun kaġun ta' dewmien u nkonvenjent għall-pubbliku, jista' l-Ministru jara li din il-problema tiġi riżolta?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 500

27/02/2007

## 17. PULIZIJA - GĦASSA MA' L-IMMIGRANTI RREGOLARI

Date: 21/02/07

**24047. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Viċi Prim Ministru jgħid jekk il-pulizija li jiġu *posted* ma' l-immigranti rregolari jingħatawx xi tip ta' *allowance*?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li jkunu assenjati biex jagħmlu xogħol fuq bażi permanenti fiċ-ċentri ta' akkomodazzjoni għall-immigranti irregolari jingħataw l-*special duty allowance* ta' Lm45 fix-xahar.

Seduta 500

27/02/2007

**18. ARMI TAL-KOLLEZZJONIJIET - IPPROĊESSAR TA' LIĊENZJI U TRASFERIMENTI**

Date: 19/02/2007

**23949. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Peress li qed ikun hemm dewmien fl-ipproċessar ta' liċenzji u trasferimenti ta' l-armi tal-kollezzjonijiet, jista' l-Viċi Prim Ministru jgħid għal xiex inhuwa attribwibbli dan id-dewmien u jindirizza din il-problema?

**ONOR. TONIO BORG:** Skond ma jien infurmat ma jidhirx li qed ikun hemm xi dewmien kif imsemmi. Pero' jekk l-Onorevoli Interpellanti taf b'xi każ partikolari, napprezza jekk tagħtini aktar tagħrif sabiex inkun nista' nivverifika ulterjorment.

Seduta 499

26/02/2007

**19. GĦAWDEX - ĦAJT TA' BEJN IL-COLD STORES U L-PITKALIJA**

Date: 19/02/2007

**23950. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li l-ħajt ta' bejn il-*cold stores* u l-pitkalija f'Għawdex huwa baxx ħafna u li ma joffri sigurta' ta' xejn, tista' l-Ministru tara li dan il-ħajt jitla' sa għoli adegwat biex tissolva din il-problema?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li fil-Cold Stores ikun hemm attendant erba' u ghoxrin siegħa kuljum u għaldaqstant ma jirriżultax li hemm xi problema ta' sigurta'

Seduta 499

26/02/2007

## 20. SPTAR ĠENERALI - FATTIGI

Date: 19/02/2007

**23951. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li qed isiru lmenti minn diversi fattigi li jaħdmu fl-isptar ġenerali ta' Għawdex minħabba l-mod ta' kif qed jiġi allokat ix-xogħol, fejn min qed jitgħabba ħafna u min ftit, li jagħti lok għal żbilanċ fix-xogħol, tista' l-Ministru tirrimedja din is-sitwazzjoni?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-fattigi li jaħdmu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jaqgħu taħt żewġ sistemi; hemm dawk li huma allokati fis-swali u dawk li qegħdin allokati mal-*pool*. Dawk li huma allokati fis-swali ħidmiethom tiddependi minn kemm ikun hemm fattigi xogħol, bil-*leave* jew bis-*sick leave* fl-istess sala, kif ukoll mill-ammont ta' pazjenti fis-sala partikolari fejn jaħdmu. Fin-nuqqas ta' fattigi fis-swali, l-uffiċjali inkargati mis-swali jikkonsultaw ma' l-uffiċjal inkarigat mill-indafa sabiex jintbgħatu fattigi mir-*Relieving Pool*.

Fir-rigward tal-fattigi l-oħra li ma jiġux utilizzati fis-swali, sa fejn possibbli, l-uffiċjal inkarigat mill-indafa dejjem qassam ix-xogħol b'mod ġust bejniethom.

Seduta 499

26/02/2007

## 21. ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL GĦAWDXIN - TRAINING COURSES

Date: 19/02/2007

**23952. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid xi *training courses* qed jingħataw lill-ħaddiema taċ-ċivil Għawdxin li se jiġu trasferiti lejn Għawdex? *In oltre*, tista' tgħid kemm se jiġu trasferiti u meta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li hi l-prassi li qabel ma l-ħaddiema taċ-ċivil Għawdxin jiġu trasferiti lejn Għawdex sabiex iwettqu xogħol ta' *back office*, dawn dejjem jingħataw it-taħriġ neċessarju mid-Diviżjoni/Dipartiment konċernat/a f'Malta. It-trasferiment ta' dawn l-impjegati isir meta min ikun qiegħed jagħti it-taħriġ ikun sodisfatt li huma ngħataw it-taħriġ kollu neċessarju. Bħalissa qiegħed jingħata taħriġ lil ħmistax –il impjegat sabiex dawn jibdew jagħmlu minn Għawdex ix-xogħol konness mas-salarji u pensjonijiet tad-Dipartiment tat-Teżor. Seduta 499 - 26/02/2007

## 22. GĦAWDEX - BINI TA' QORTI ĠDID

Date: 19/02/2007

**23953. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk sarx xi studju dwar l-għażla tas-sit għall-bini tal-Qorti ġdid biswit l-iskola Ninu Cremona?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Il-pjan tal-bini tal-Qorti l-ġdid, tant meħtieġ għal Għawdex, jindika li l-entratura tal-bini ikun fi Triq Fortunato Mizzi.

L-iskola l-ġdida li ser tinbena ser tibdel l-entratura minn dik eżistenti u din l-entratura se tkun fi Triq l-Ewropa. Din l-iskola ser tinbena fuq medda ta' art ferm iżgħar minn dik attwali, iżda se tkun imqassma aħjar, bi klassijiet darba u nofs aktar mil-llum u b'żieda fin-numru ta' klassijiet u faċilitajiet.

Għalhekk hu ċar li dawn iż-żewġ binjiet, l-iskola u l-Qorti, mhux ser ikunu biswit xulxin

Seduta 499

26/02/2007

## 23. GĦAWDEX - PITKALIJA

Date : 19/02/2007

**23954. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk fil-pitkalija ta' Għawdex hemmx *posted security* jew *watchman*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li ma jinħassx il-bżonn li jkun hemm watchman fil-pitkalija f'Għawdex.

Seduta 499

26/02/2007

## 24. ATT DWAR L-ARBITRAĠĠI - GĦAJNUNA LEGALI

Date : 12/02/07

**23846. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Peress li l-Att dwar l-Arbitraġġi jidher li ma jikkontemplax l-benefiċċju ta' l-għajnuna legali jista' l-Viċi Prim Ministru jgħid kif persuna li ma għandhiex mezzi jista' jkollha aċċess għas-servizzi mogħtija skond l-Att suċitat?

**ONOR. TONIO BORG:** Għalkemm l-Att dwar l-Arbitraġġ ma jikkontemplax il-benefiċċju ta' l-għajnuna legali, il-Bord ta' Gvernaturi taċ-Ċentru ddeċieda li m'għandhomx jitħallsu d-drittijiet tar-reġistru f'każijiet fejn il-Qorti tassenja lil xi parti Avukat għall-Għajnuna Legali.

Seduta 497

20/02/2007

## 25. MOLL TAL-MENDQA

Date : 12/02/07

**23840. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-moll tal-Mendqa fil-port ta' Marsalforn hux ser isirlu manutenzjoni fil-futur qarib?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li ricentament sar underwater survey tal-Moll tal-Mendqa biex jigi stabbilit x'manutenzjoni hemm bzonn issir. Qieghed jithejja rapport tekniku fuq ir-rizultat tas-survey u skond dan in-rapport tittiehed l-azzjoni li jkun hemm bzonn.

Seduta 496

19/02/2007

## 26. QORTI TAL-MAĠISTRATI - SEZZJONI FAMILJA

Date: 12/02/2007

**23841. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Viċi Prim Ministru jgħid kemm il-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Sezzjoni Familja rriferiet każijiet in forza tad-digriet lit-Taqsima Ħidma Soċjali f'Għawdex u appoġġ rispettivament f'dawn l-aħħar sentejn, xahar b'xahar separatament?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat li statistika f'dan ir-rigward ma tinżammx.

Seduta 496

19/02/2007

## 27. GĦAWDEX - TAQSIMA ĦIDMA SOĊJALI

Date: 12/02/07

**23842. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 23631 tista' l-Ministru tgħid kemm ġew riferuti każijiet lit-Taqsima Ħidma Soċjali f'Għawdex, f'dawn l-aħħar sentejn xahar b'xahar?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** It-Taqsima Ħidma Soċjali fil-Ministeru għal Għawdex, ġew riferuti u ħadmet ma' 42 każ li fihom kien hemm element ta' vjolenza domestika matul dawn l-aħħar sentejn (2005 u 2006).

Hawn jidher kif ġew riferuti xahar b'xahar:

| | 2005 | 2006 | 2007 |
|---|---|---|---|
| Jannar | 1 | 1 | 2 |
| Frar | 2 | 1 | |
| Marzu | 3 | 2 | |
| April | 0 | 0 | |
| Mejju | 3 | 4 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġunju | 3 | 1 | |
| Lulju | 3 | 1 | |
| Awissu | 2 | 2 | |
| Settembru | 1 | 1 | |
| Ottubru | 1 | 1 | |
| Novembru | 3 | 4 | |
| Diċembru | 0 | 0 | |
| Total | 22 | 18 | 2 |

Sub total 42

Seduta Numru 496

19/02/2007

**28. ĦADDIEMA**

Date: 12/02/07

**23843. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 23627 tista' l-Ministru tirrispondi t-tieni parti tad-domanda u cioe' f'liema dipartiment/uffiċini ġew *posted* il-ħaddiema msemmija?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed titpogga fuq il-mejda tal-kamra.

Seduta 496

19/02/2007

## 29. DECOMPRESSION CHAMBER

Date: 12/02/07

**23844. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 23525 tista' l-Ministru tirrispondi d-domanda kif formulata u tgħid kemm hemm *staff* allokat biex titħaddem id-*decompression chamber*, x'tip ta' taħriġ ingħataw u minn min kif ukoll kemm-il darba ġiet imħaddma u x'tip ta' każijiet qed jiġu trattati?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata illi l-istaff allokat huwa: tabib, ħames infermiera u erbgħa technicians. L-istaff waqt it-trattamenti huwa ta' tabib, żewġ infermieri u żewġ technicians. Taħriġ ingħata minn A. Sciberras& Partners (ref CT2048/06) u ukoll mill-istess kumpanija li ssuplexxiet d-*Decompression Chanbers*. It-*training* li ngħata kien konformi ma' dak mitlub mill-European College of Hyperberic Medicine u ġie ċċertifikat mill-istess istituzzjoni. L-għan prinċipali ta' din ic-chamber huwa li joffri servizz ta' emerġenza f'każijiet ta' *decompression sickness* lill-għaddasa. 'L quddiem din il-*unit* se tkun tista' toffri wkoll servizzi oħra relatati ma' *Hyperbaric Oxygen Therapy* lill-pazjenti ta' l-isptar. Bħalissa qed isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex fil-ġejjieni qarib il-ħaddiema magħżula jibdew jagħmlu *simulation exercises* biex b'hekk ikollhom aktar taħriġ *hands on.*

Seduta 496

19/02/2007

## 30. GĦAWDEX, QALA - TRIQ IL-FORN

Date: 12/02/07

**23845. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li Triq il-Forn fil-Qala, Għawdex qiegħda fi stat ħażin ħafna, tista' l-Ministru tara li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fiha?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena infurmata li x-xoghol fit-triq imsemmija huwa responsabilta' tal-Kunsill Lokali tal-post u ghalhekk nitlob l-Onorevolil Nterpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru koncernat.

Seduta 496 19/02/2007

**31. RABAT, GĦAWDEX - TRIQ GĦAJN QATET**

Date: 31/01/2007

**23632. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid meta se jsiru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' Triq Għajn Qatet, fir-Rabat, Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari tal-31 ta' Jannar 2007 dwar manutenzjoni ta' Triq Għajn Qatet jiena nfurmata li kienet diġa saret manutenzjoni fit-triq imsemmija fit-23 ta' Jannar 2007.

Seduta 492

07/02/2007

**32. MINISTRU GĦAL GĦAWDEX - KONSULENZI**

Date: 31/01/2007

**23633. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm ingħataw konsulenzi mill-Ministru f'dawn l-aħħar ħames snin, lil min, dwar xiex u kemm tħallsu?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u għaldaqstant risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 492

07/02/2007

**33. GĦAWDEX - LIBRERIJA PUBBLIKA**

Date: 29/01/2007

**23528. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tara li l-librerija pubblika ta' Għawdex tiġi fornuta bil-faċilita' *reader screen* għal *microfilms* kif ukoll tara li fil-librerija jiġu provduti kopji ta' *micro films* ta' gazzetti li jinsabu fil-librerija Malta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** F'Ġunju 1998 ġew akkwistati żewġ *microfilm readers* mingħand l-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, bil-ħsieb li aktar 'il quddiem jiġu akkwistati kopji fuq *microfilms* ta' materjal (inkluż gazzetti), li jinsab fil-Librerija Nazzjonali. Dan ma seħħx għaliex nstab li l-proċess ta' *microfilming* tal-gazzetti jinvolvi tul ta' żmien. Il-Librerija Nazzjonali, bir-riżorsi preżenti, qed jirnexxiela tlaħħaq biss mad-domanda tal-klijenti tagħha. Oltre dan, il-Librerija Nazzjonali qed taħdem sabiex fil-futur qarib, il-kopji tal-gazzetti jiġu pproċessati b'sistema diġitali.

Seduta 491

06/02/2007

## 34. ĦADDIEMA GĦAWDXIN MAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Date: 31/01/2007

**23627. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm impjegati mas-servizz pubbliku Għawdxin li kienu jaħdmu f'dipartimenti Malta ġew trasferiti lejn Għawdex bejn is-sena 1999 sal-lum, sena sena, separatament u f'liema dipartiment/uffiċini ġew *posted* f'Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Interpellant hija mogħtija hawn taħt:

Sena

1999 = 30 2000 = 28 2001 = 30 2002 = 29 2003 = 44 2004 = 34
2005 = 32 2006 = 37 2007 sallum = 2

Seduta 491

06/02/2007

## 35. PERSUNI GĦAWDXIN - TRAFFIKAR TA' DROGA

Date: 31/01/2007

**23628. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Viċi Prim Ministru jgħid kemm ġew arrestati u mressqa persuni Għawdxin f'dawn l-aħħar ħames snin in konnessjoni ma' traffikar tad-droga u jindika l-etajiet tagħhom?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi matul dawn l-aħħar ħames snin kien hemm 15-il persuna residenti f'Għawdex li tressqu l-Qorti fuq akkużi li kienu jinkludu traffikar ta' droga. L-iżgħar fosthom kien ta' 20 sena, filwaqt li l-akbar wieħed kellu 55 sena.

Seduta 491

06/02/2007

## 36. QORTI TA' GĦAWDEX - KAWŻI TA' SEPARAZZJONI

Date: 31/01/2007

**23629. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Viċi Prim Ministru jgħid kemm daħlu ittri u kawżi għal separazzjoni personali fil-Qorti ta' Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn, kull xahar separatament?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi t-tagħrif mitlub mill-Onor. Interpellanti hu kif jidher hawn taħt:-

| | 2005 | | 2006 | |
|---|---|---|---|---|
| | Noti / Ittri - Medjazzjoni | Kawżi | Noti / Ittri – Medjazzjoni | Kawżi |
| Jannar | 3 | xejn | 5 | xejn |
| Frar | 6 | 1 | 4 | 1 |
| Marzu | 5 | 2 | 12 | xejn |
| April | 9 | 1 | 4 | 2 |
| Mejju | 2 | xejn | 5 | xejn |
| Ġunju | 6 | xejn | 6 | xejn |
| Lulju | 5 | xejn | 1 | 3 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Awissu | 4 | xejn | 3 | 1 |
| Settembru | xejn | xejn | 3 | xejn |
| Ottubru | 5 | 1 | 3 | 1 |
| Novembru | 5 | 1 | 3 | xejn |
| Diċembru | 1 | 2 | 3 | 1 |
| Total | 51 | 8 | 52 | 9 |

Seduta 491

06/02/2007

**37. MĠARR, GĦAWDEX - PARKEĠĠ FIT-TERMINAL**

Date: 31/01/2007

**23630. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-parkeġġ li qed isir fit-*terminal* ta' l-Imġarr, Għawdex hux se jkun bi ħlas jew le?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** F'dan l-istadju m'għandi xejn x'inżid mar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 19452.

Seduta 491

06/02/2007

**38. VJOLENZA DOMESTIKA**

Date: 31/01/2007

**23631. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri ttieħdu f'Għawdex sabiex jiġu megħjuna l-vittmi tal-vjolenza domestika wara li daħlet fis-seħħ il-liġi dwar il-vjolenza domestika?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** It-Taqsima Ħidma Soċjali fil-Ministeru għal Għawdex kull darba li jiġi riferut lilha każ ta' vjolenza domestika, tiproċedi billi:

· Tgħaraf issolvi l-krizi immedjata, u dan tagħmlu billi tisma lil parti vittimizzata sabiex ittaffi s-sitwazzjoni u b'hekk l-persuna tkun tista' aktar tagħraf id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu

· Tispjega r-riżorsi eżistenti f'Għawdex, fir-rigward ta' kenn temporanju, u anke dak fit-tul

· Tispjega lill-vittma l-proċeduri soċjali u legali li jridu jittieħdu u jekk ikun meħtieġ social worker jakkompanja lill-vittma f'dawn il-proċeduri

· Il-kaz jibqa' jigi segwit mis-social worker għall-perjodu li jkun hemm bżonn

Ta' min jinnota li fuq il-Bord Nazzjonali maħtur dwar il-vjolenza domestika, hemm persuna minn Għawdex, Ms Maria Attard.

Seduta 491

06/02/2007

**39. STIPENDJU**

Date: 29/01/2007

**23520. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-istudent li dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, mhux qed jieħu stipendju?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Nirreferi l-Onor. Membru għat-tweġiba tal-Mistoqsija numru 22909.

Seduta 490

05/02/2007

**40. SERVIZZ TAL-ĦELIKOPTER**

Date: 29/01/2007

**23522. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 21517 dwar is-servizz tal-ħelikopter f'Għawdex, jista' l-Ministru jgħid x'inhu jiġri a

rigward ta' dan is-servizz peress li *ormai* ilna bla servizz tal-ħelikopter għal diversi xhur?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għall-mistoqsija parlamentari nru.22700.

Seduta 490

05/02/2007

## 41. PULIZIJA GĦAWDXIN

Date: 29/01/2007

**23523. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Peress li qed isiru lamenteli minn membri tal-korp tal-pulizija Għawdxin li jsuqu lill-priġunieri mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għal Għawdex u lura, għaliex l-ispejjeż tat-traġitt tagħhom u tal-vann qed joħorġuhom il-pulizija minn buthom u mhux qed jiġu rifużi lilhom? Jista' l-Viċi Prim Ministru jara li din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi filwaqt li kien hemm xi dewmien biex isir il-ħlas għall-ispejjeż li saru matul Diċembru, dan il-ħlas dovut issa sar kollu u ma fadalx pendenzi.

Seduta 490

05/02/2007

## 42. PULIZIJA GĦAWDXIN - ĦLASIJIET PENDENTI

Date: 29/01/2007

**23524. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Viċi Prim Ministru jara li l-ħlasijiet dovuti lill-pulizija Għawdxin tal-ħdud li għad hemm pendenti jitħallsu, peress li dawn ilhom dovuti diversi xhur?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi l-ħlas tal-Ħdud lill-Pulizija normalment isir mat-tieni paga li taħbat wara x-xahar li fih ikunu nħaddmu l-Ħdud. Dan huwa meħtieġ sabiex issir il-proċedura ta' kif isir il-ħlas. Fil-każ tad-

Distrett t'Għawdex ninsab infurmat illi l-ħlas dovut għall-Ħdud maħduma sa Settembru kien sar, pero' r-returns għax-xahar ta' Ottubru ma waslux fil-ħin sabiex jidħlu fil-paga ta' Diċembru u għalhekk ġew inklużi fil-paga ta' Jannar 2007, flimkien mal-Ħdud maħduma matul Novembru, biex b'hekk ma fadal l-ebda ħlasijiet b'lura aktar minn dak li hu normali.

Seduta 490

05/02/2007

## 43. DECOMPRESSION CHAMBER

Date: 29/01/2007

**23525. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm *staff* allokat biex titħaddem id-*decompression chamber*, x'tip ta' taħriġ ingħataw u minn min kif ukoll kemm-il darba ġiet imħaddma u x'tip ta' każijiet qed jiġu trattati?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Bħala staff allokat biex titħaddem id-*Decompression Chamber* hemm tobba, nurses u technicians li ngħataw taħriġ kemm minn kumpanija li ħadet *tender* għal dan it-taħriġ kif ukoll mill-istess kumpanija li ssuplexxiet id-*Decompression Chamber.*

Bħalissa qed isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex fil-ġejjieni qarib il-ħaddiema magħżula jibdew jagħmlu *simulation exercises* biex b'hekk ikollhom aktar taħriġ *hands on*.

Seduta 490

05/02/2007

## 44. QORTI TA' GĦAWDEX - PROĊESSI TA' L-APPELLI

Date: 29/01/2007

**23526. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Viċi Prim Ministru jara jekk huwiex possibbli li l-proċessi ta' l-appelli deċiżi ta' kawżi Għawdxin jiġu rimessi fl-arkivju tal-Qorti f'Għawdex?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi l-proċessi ta' l-appelli deċiżi ta' kawżi Għawdxin għandhom ikunu għand ir-Reġistratur tal-Qrati Maltin li għandhom ir-responsabbilita' taż-żamma ta' kull proċess ta' kawżi deċiżi fil-qrati ta' Malta. b'danakollu is-suġġeriment ta' l-Onorevoli Membru qiegħed jiġi kkunsidrat sabiex possibilment ikun hemm kopja tal-proċess għad-dispożizzjoni tal-konsulenti legali f'Għawdex fejn dawn jintalbu.

Seduta 490

05/02/2007

## 45. GĦAWDEX - TRASPORT PUBBLIKU

Date : 23/01/2007

**23425. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 22914 u għar-risposta mogħtija peress li t-triq qed jgħaddi traffiku minnha u anke kieku stess għadha magħluqa xorta qed isiru *trips* oħra mir-Rabat għal San Lawrenz u lura, x'qed iżomm allura milli jsir it-*trip* tal-5.30 pm?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nixtieq ninfurmak li mill-aħħar Interpellanza li kienet għamlet l-Onorevoli Interpellant bil-mistoqsija parlamentari numru 22914 sal-lum kien ġie deċiż li t-*trips* bejn ir-Rabat u San Lawrenz/Għarb u Għasri jerġgħu jibdew isiru b'mod regolari kif kienu qabel ma ġew ridotti minħabba x-xogħol li kien għaddej fuq l-imsemmija triq b'effett mit-Tnejn 5 ta' Frar 2007.

Seduta 487

29/01/2007

## 46. SANNAT - TRIQ DAĦLA TAĊ-ĊNUS

Date : 23/01/2007

**23427. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamenti 22920 u għar-risposta relattiva, peress li d-domanda ovvjament qed tirreferi għall-parti li għadha torba, meta se tiġi asfaltata l-bqija tat-triq?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-parti tat-triq imsemmija tiġi asfaltata aktar il-quddiem minħabba li qiegħda tingħata priorita' lil xogħolijiet f'toroq fejn ikun hemm residenti u toroq arterjali.

Seduta 487

29/01/2007

## 47. MĠARR - TRASPORT PUBBLIKU

Date : 23/01/2007

**23428. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 22907 u għar-risposta mogħtija, jista' l-Ministru jgħid meta se jibdew it-taħditiet?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nixtieq ninfurmak li l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta qiegħda thejji rapport intern biex ittejjeb is-servizz tat-Trasport Pubbliku ġewwa Għawdex. Wara li jsiru diskussjonijiet interni jibdew t-tahdidiet mall-*Gozo Bus Owners Association.*

Seduta 487

29/01/2007

## 48. IMĠARR - TRASPORT PUBBLIKU

Date : 08/01/2007

**22907. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' l-Ministru jgħid għaliex m'għadhomx isiru *trips* mit-trasport pubbliku dirett mill-Imġarr għall-irħula prinċipali wara nofsinhar?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nixtieq ninfurmak illi t-*trips* li kienu jsiru wara nofsinhar mill-Imġarr għall-irħula m'għadhomx isiru peress li ma kienux jiġu wżati mill-Pubbliku u għalhekk wara rakomandazzjoni mill-*Gozo Bus Owners Association* dawn ġew sospiżi.

Nixtieq ninfurmak illi fil-futur qarib ser jibdew taħdidiet bejn l-ADT u l-*Gozo Bus Owners Association* rigward titjieb fl-għoti tas-servizz pubbliku. Seduta 485 23/01/2007

## 49. RABAT, GĦAWDEX - TRASPORT PUBBLIKU

Date : 08/01/2007

**22914. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' l-Ministru jgħid meta se jerġgħu jibdew isiru t-*trips* b'mod regolari mit-trasport pubbliku mir-Rabat għal San Lawrenz, Għarb u Għasri, liema *trips* ġew imnaqqsa minħabba x-xogħlijiet fit-Triq ta' Pinu li issa nfetħet?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li t-*trips* li jsiru mit-trasport pubbliku mir-Rabat għal San Lawrenz/Għarb/Għasri/Żebbuġ fis-7.15am/8.30am/10.30am u 11.30am għadhom isiru regolari u t-*trips* tad-9.30am u tal-5.30pm m'humiex qed isiru preżentament minħabba x-xogħol li għaddej fuq it-triq li tieħu mir-Rabat għal San Lawrenz.

Ninfurmak li hekk kif ix-xogħol fuq it-triq mir-Rabat għal San Lawrrenz ikun finalizzat t-*trips* tad-9.30 u tal-5.30 jerġa lura għan-normal kif kien qabel.

Seduta 485

23/01/2007

## 50. GĦAWDEX - SANNAT - TRIQ DAĦLA TAĊ-ĊNUS

Date : 08/01/2007

**22920. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid meta se tiġi asfaltata l-parti ta' ġewwa tat-Triq Daħla taċ-Ċnus, fis-Sannat, Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-parti residenzjali tat-triq msemmija hija asfaltata.

Seduta 482

16/01/2007

**51. SERVIZZ TA' TRASPORT PUBBLIKU**

Date : 08/01/2007

**22921. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' il-Ministru jgħid għalfejn m'għadhomx isiru *trips* kollha mit-trasport pubbliku li kienu jsiru mill-irħula prinċipali għall-Imġarr fil-5.30 p.m.?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nixtieq ninfurmak illi t-*trips* kollha li jsiru mill-irħula prinċipali għall-Imġarr fil-5.30am kienu ġew ridotti għal nhar ta' Tnejn biss u dan peress li ma kienx qed ikun hemm użu ta' dawn s-servizzi b'mod regolari u għalhekk wara pressjoni mill-*Gozo Bus Owners Association* dawn ġew sospiżi.

Nixtieq ninfurmak ukoll illi fil-futur qarib ser jibdew taħdidiet bejn l-ADT u l-*Gozo Bus Owners Association* rigward titjieb fl-għoti tas-servizz pubbliku.

Seduta 482

16/01/2007

**52. MĠARR - TRASPORT PUBBLIKU**

Date : 08/01/2007

**22907. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' l-Ministru jgħid għaliex m'għadhomx isiru *trips* mit-trasport pubbliku dirett mill-Imġarr għall-irħula prinċipali wara nofsinhar?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** It-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata f'seduta oħra.

Seduta 481

15/01/2007

**53. TRIQ TA' PINU**

Date : 08/01/2007

**22910. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid meta se jitwaħħlu d-dwal u sinjaletika adegwata fi Triq ta'

Pinu, peress li ċerti partijiet f'din it-triq huma dojoq u perikolużi ħafna? *In oltre*, peress li sidien ta' vetturi, speċjalment trakkijiet, qed jilmentaw minħabba nuqqas ta' spazju biex ikunu jistgħu jduru mar-*roundabout* li tagħti għal Għasri, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jitteħdu biex jiġi eliminat dan l-inkonvenjent?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li x-xogħol tat-twaħħil tad-dawl u t-tqegħid ta sinjaletika fi Triq li mir-Rabat twassal għal San Lawrenz ser jibda matul din il-ġimgħa. Jiena nfurmata wkoll li ma jirriżultax li hemm problemi biex vetturi jduru mar-*roundabout* li tagħti għall-Għasri.

Seduta 481

15/01/2007

## 54. SANNAT - BINI TA' ĦAJT

Date : 08/01/2007

**22911. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid meta se jinbena l-ħajt bejn Triq Durell u Triq Tempju ta' Imramma, Sannat, Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jekk l-Onorevoli Nterpellant qiegħda tirreferi għall-kantuniera bejn it-toroq imsemmija, jiena nfurmata li jeżisti ħajt ta' lqugħ f'din il-parti tat-toroq.

Seduta 481

15/01/2007

## 55. RABAT, GĦAWDEX - TRASPORT PUBBLIKU

Date : 08/01/2007

**22914. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' l-Ministru jgħid meta se jerġgħu jibdew isiru t-*trips* b'mod regolari mit-trasport pubbliku mir-Rabat għal San Lawrenz, Għarb u Għasri, liema *trips* ġew imnaqqsa minħabba x-xogħlijiet fit-Triq ta' Pinu li issa nfetħet?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** It-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata f'seduta oħra. Seduta 481 15/01/2007

**56. STIPENDJU**

Date : 08/01/2007

**22915. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 22623 u r-risposta relattiva fejn qed jissemma l-Avviż Legali pero' mhux jiġi speċifikat liema huma, peress li dawn l-istudenti xorta għandhom spejjeż in konnessjoni ma' l-istudji tagħhom, jista' il-Ministru jgħid x'għajnuna qed jagħti l-gvern lil dawn l-istudenti biex jinkoraġġihom ikomplu jistudjaw speċjalment lill-istudenti Għawdxin li għandhom diversi spejjeż addizzjonali?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-SMGB ma tagħmilx distinzjoni bejn studenti Maltin u Għawdxin. Pero l-istudenti Għawdxin jirċievu allowance żejjed biex tagħmel tajjeb għal spejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni u li hi amministrata mill-Ministeru għal Għawdex. *(Referenza ta' l-Avviż Legali - LN372/05 Artiklu 12)*

Seduta 481

15/01/2007

**57. MUNXAR - TRIQ RAS IL-BAJADA**

Date : 08/01/2007

**22917. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' il-Ministru jara jekk fi Triq Ras il-Bajada, Munxar tistax issir *sleeping policeman* jew xi ħaġa oħra li permezz tagħha l-vetturi jnaqqsu l-veloċita' tagħhom f'ċertu partijiet perikolużi peress li f'ċertu partijiet ta' din it-triq qed iseħħu diversi inċidenti tat-traffiku?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Nixtieq ninfurmak fuq it-talba tiegħek sabiex ssir *sleeping policeman* jew xi ħaġa oħra li permezz tagħha l-vetturi jnaqqsu l-veloċita' tagħhom f'ċertu partijiet perikolużi fi Triq Ras il-Bajjada l-Kunsill Lokali tal-Munxar diġa ħa l-prewkazzjonijiet meħtieġa billi waħħal tabelli fil-bidu ta' l-istess triq biex jindikaw li l-veloċita għandha tkun ta 35km/hr u anke għamel s-sinjali fl-art li jindikaw lix xufiera li għandhom inaqqsu l-veloċita tagħhom.

Seduta 481

15/01/2007

**58. GĦAWDEX - TERRAPIEN**

Date: 21/11/2006

**22313. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21416, jista' il-Ministru jgħid fejn qed jiġi merfuh dan il-materjal?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li dan il-materjal qed jiġi merfuħ f'barriera numru 5. Din il-barriera tinstab fl-inħawi ta' Għar Ilma limiti ta' Kerċem.

Seduta 479

09/01/2007

**59. ŻBIR TA' SIĠAR**

Date: 04/12/2006

**22616. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: Jista' l-Ministru jgħid jekk iż-żabra tas-siġar fid-diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex hijiex responsabbilta' ta' xi dipartiment fil-ministeru tiegħu?

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li f'Malta l-*Malta Embellishment and Landscaping Project* (MELP) hi responsabbli għaż-żabra tas-siġar fil-lokalitajiet li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali u f'lokalitajiet fejn il-kuntratur tagħha qiegħed taħt kuntratt. F'Għawdex, ir-responsabbiltà hija f'idejn il-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 476

11/12/2006

**60. STIPENDJU**

Date: 04/12/2006

**22623. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid għal liema raġuni l-istudent li dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, mhux qed jingħata stipendju?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li matul is-sena skolastika 2005/2006 l-istudent imsemmi kien qed jattendi kors Mikiel Ang Refalo u kien jirċievi stipendju.

Informat ukoll li din is-sena l-istudent konċernat qed jattendi l-MCAST u qed jirrepeti l-istess livell tas-sena l-oħra. Skond l-Avviz Legali, studenti li jirrepetu l-istess livell m'humiex intitolati għal stipendju.

Seduta 476

11/12/2006

**61. ADT - ĦADDIEMA**

Date: 04/12/2006

**22624. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' il-Ministru jgħid għal liema raġuni l-impjegati ta' l-ADT mhux qed jingħataw il-*qualification allowances*?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** L-Impjegati tal-Gvern li ġew ma' l-Awtorita' qegħdin irregolati taħt il-Ftehim Kolletiv ta' l'Awtorita' li ġie fis-seħħ mill-1 ta' Jannar, 2006.

Fil- Ftehim Kolletiv ta' l'Awtorita m' hemm l-ebda *qualification allowance.*

Seduta 476

11/12/2006

## 62. GĦAWDEX - TERRAPIEN

Date: 21/11/2007

**22313. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21416, jista' il-Ministru jgħid fejn qed jiġi merfuh dan il-materjal?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** It-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata f'seduta oħra.

Seduta 470

27/11/2006

## 63. GĦAWDEX - TERRAPIEN

Date: 18/10/2006

**21416. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21018, jista' il-Ministru jgħid fejn intrema' it-terrapien tax-xogħol fit-triq Għajnsielem/Xewkija? Jista' jgħid kemm kien hemm vjaġġi ta' terrapien li ġie mormi?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li 4,300 metri kubi ta' materjal ġie mħammel s'issa. Parti minn dan il-materjal ġie magħżul u merfuħ għal użu fil-futur, filwaqt li ammont ieħor ġie mormi fil-barrieri ta' fuq il-Qawra propjeta ta' John Mizzi.

Seduta 467

21/11/2006

## 64. QORTI TA' GĦAWDEX - APPARAT TA' SIGURTA'

Date: 14/11/2006

**22117. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid meta l-qorti ta' Għawdex se jiġi armat b'apparat ta' sigurta' bħalma hemm f'Malta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-istallazzjoni ta' apparat ta' sigurta f'dan id-dipartiment qed tiġi kunsidrata

Seduta 464

20/11/2006

## 65. PULIZIJA GĦAWDXIN

Date: 14/11/2006

**22118. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm pulizija Għawdxin irtiraw/ħarġu mill-korp f'dawn l-aħħar ħames snsin? Jista' *in oltre* jgħid kemm minn dawn il-pulizija li rtiraw/ħarġu ġew *replaced*?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi bejn l-1 ta' Jannar 2002 u s-16 ta' Novembru 2006 spiċċaw 32 membru tal-Korp tal-Pulizija Għawdxin, filwaqt li matul l-istess perijodu kien hemm 28-il persuna Għawdxija li ingaġġaw fil-Korp.

Seduta 464

20/11/2006

## 66. QORTI TA' GĦAWDEX - PERSUNI B'DIŻABILITA'

Date: 14/11/2006

**22119. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li l-anzjani u persuni b'diżabilita' għandhom diffikultajiet ta' aċċess għall-bini tal-qorti ta' Għawdex, tista' il-Ministru tara li dan l-inkonvenjent jiġi indirizzat immedjatament?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li sal-lum kull meta kien hemm kaz ta' anzjani jew persuni b'dizabilita' li kien jeħtieġ li jiġu l-Qorti, dejjem instabet soluzzjoni.

Pero', minkejja dan, xorta il-Ministeru għal Għawdex huwa konxju li hemm bżonn soluzzjonijiet ferm aħjar u fuq bażi permanenti u, għaldaqstant l-aċċess imsemmi jidħol fl-aġenda ta' proġetti proposti għall-quddiem. Seduta 464 20/11/2006

## 67. QORTI TA' GĦAWDEX - IMPJEGATI

Date: 14/11/2006

**22120. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li fil-qorti ta' Għawdex reġgħu naqsu l-ħaddiema klerikali, tista' il-Ministru tara li jkun hemm *replacement* u żieda ta' ħaddiema fil-qorti ta' Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nirreferi lill Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 21524 li tapplika wkoll għal ħaddiema klerikali.

Seduta 464

20/11/2006

## 68. MOLL TA' L-IMĠARR - XOGĦLIJIET

Date: 14/11/2006

**22121. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid kemm se jiġu jiswew ix-xogħlijiet sabiex tiġi rranġata r-rampa fil-moll ta' l-Imġarr li qed terġa' tiġi maqlugħa biex issir mill-ġdid? *In oltre*, jista' jgħid meta se jitlesta x-xogħol?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li r-rampa tat-*Terminal* ta' l-Imġarr mhux ser tinqala u ssir mill-ġdid iżda ser isirulha aġġustamenti fl-għoli tagħha. Dan ser isir minħabba li vetturi baxxi ħafna, f'ċertu każijiet, speċjalment meta jkunu ħerġin minn fuq il-vapuri b'veloċita', kienu jaħbtu l-qiegħ mar-rampa. L-istima ta' din il-modifikazzjoni hija stmata ċirca Lm5,500.

Ir-rampa ser terġa tibda tintuża madwar l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2006.

Seduta 464

20/11/2006

## 69. RABAT, GĦAWDEX - TRIQ WIED SARA

Date: 02/11/2006

**21861. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li Triq Wied Sara, Rabat Għawdex għandha bżonn manutenzjoni immedjata, tista' il-Ministru tara li dan ix-xogħol isir?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-manutenzjoni fuq parti sostanzjali minn Triq Wied Sara diġa saret filwaqt li fuq il-bqija għaddej ix-xogħol li ser jitlesta dalwaqt.

Seduta 456

06/11/2006

## 70. PREŻENTATURI FUQ IT-TELEVIŻJONI - MULTI

Date: 31/10/2006

**21799. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid kemm preżentaturi fuq it-televiżjoni weħlu multi għax kisru l-linji gwida ta' l-awtorita' mill-2000 sal-lum? Liema kienu l-preżentaturi? X'kienet l-akkuża? Kemm weħlu f'multi?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

Seduta 454

03/11/2006

## 71. SERVIZZ TA' LANĊA LEJN KEMMUNA

Date: 23/10/2006

**21487. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid meta se tibda topera l-lanċa lejn Kemmuna li ġġorr il-qassis u l-pulizija?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor.Interpellant jagħmel id-domanda tiegħu lill-Ministru konċernat.

Seduta 453

03/11/2006

## 72. ĦADDIEMA GĦAWDXIN

Date: 30/10/2006

**21752. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21527, jista' il-Ministru jpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra l-listi msemmija?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant għadha qed tinġabar, Risposta tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 452

02/11/2006

## 73. QORTI TA' GĦAWDEX

Date: 23/10/2006

**21524. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li fil-qorti ta' Għawdex hemm nuqqas ta' *staff*, tista' il-Ministru tgħid meta se jiżdied?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata illi għaddej il-proċess biex jimtlew il-vakanzi li hemm fil-posizzjoni ta' Deputat Registratur, biex b'hekk id-dmirijiet fost l-impjegati tal-qorti jkunu jistgħu jinqasmu aħjar bl-għan li jingħata servizz aħjar għall-Ġudikatura, l-avukati u l-pubbliku in ġenerali.

Qed tiġi kkunsidrata wkoll it-talba għal Court Messengers biex ix-xogħol tal-Qorti ikun jista' jsir b'mod aktar effiċċjenti

Seduta 445

30/10/2006

## 74. ĦADDIEMA GĦAWDXIN

Date: 23/10/2006

**21527. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid skond liema kriterju *staff* Għawdxi li jaħdem l-isptar Malta jiġi trasferit għall-isptar ta' Għawdex? Teżisti xi lista ta' *staff* li jmisshom jiġu trasferiti lejn Għawdex?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Fid-Diviżjoni tas-Saħħa jeżistu listi ta' *staff* li jmisshom jiġu trasferiti lejn Għawdex.

Il-kriterju li jintuża huwa li l-Għawdxin jidħlu fil-lista skond id-data tal-ħatra fil-grad partikulari u skond l-Ordni ta' Mertu li jiġu fil-Bord ta' l-Għażla ta' l-imsemmi grad.

Seduta 445

30/10/2006

## 75. SMART CARD

Date: 24/10/2006

**21573. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru ġentilment jara li l-i*smart card* ta' l-istudenta li dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, tinħareġ peress li din għadha mingħajr *card*?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li din l-istudenta u xi studenti oħra applikaw tard minħabba r-resits li kellhom. Informat ukoll li dawn l-ismart cards ġew maħruġa riċentement u għandhom jirċievuha l-iskola fi ftit jiem oħra.

Seduta 445

30/10/2006

## 76. SERVIZZ TA' LANĊA LEJN KEMMUNA

Date: 23/10/2006

**21487. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid meta se tibda topera l-lanċa lejn Kemmuna li ġġorr il-qassis u l-pulizija?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 444

27/10/2006

## 77. GĦAWDEX - ASFALTAR TA' TOROQ

Date: 23/10/2006

**21490. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li Triq Qala u Triq Tiġrija fin-Nadur, Għawdex għandhom bżonn ta' manutenzjoni, tista' il-Ministru tgħid meta se jsiru dawn ix-xogħlijiet?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li t-toroq msemmija saritilhom manutenzjoni matul l-ewwel ġimgħatejn ta' dan ix-xahar u li minħabba l-istat tagħhom qegħdin isiru preparamenti biex ikunu jistgħu jinħarġu offerti għall-asfaltar mill-ġdid ta' dawn it-toroq .

Seduta 444

27/10/2006

## 78. ASFALTAR TA' TOROQ

Date: 23/10/2006

**21492. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Minsitru tgħid liema toroq se jiġu asfaltati fix-xhur li ġejjin? Tista' tgħid meta huwa maħsub li jsir ix-xogħol?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li t-toroq li huma ppjanati li jiġu asfaltati fix-xhur li ġejjin u li għalihom nħarġu u għalqu l-offerti huma dawk li jidhru hawn taht:

- Tkomplija ta' xogħol fi Triq Ġdida fi Triq Għajn Qatet, Victoria
- Tkomplija ta' xogħol fi Triq Bertija & Triq Liberat Grech, Xagħra
- Triq l-Imħallef Cremona, Victoria
- Triq Santa Marta, Victoria
- Triq is-Sajjied, M'Forn
- Triq iż-Żernieq, Nadur
- Triq il-Karmelitani, Kerċem
- Parti minn Triq tal-Ħniena, Xewkija
- Triq Wistin Camilleri, Victoria
- Parti minn Triq l-10 ta' Ottubru, Sannat
- Parti minn Triq ta' Barda, M'Forn
- Triq Gdida fi Triq Skappuċċina, Żebbug
- Triq L-Imgħallem, Victoria
- Triq ir-Ramla, Nadur
- Parti minn Triq Pawlu Portelli, Victoria
- Parti minn Triq Mons. Pietru Pace, Victoria

Toroq li ħarġet sejħa għall-offerti u jibdew jinħadmu wara li jintemm il-proċess ta' l-offerti:

- Triq Sannat , Sannat
- Triq Qasam San Ġorġ, Victoria
- Triq il-Qighan, Għ'Sielem

· Triq l-Imrejzbiet, Għ’Sielem

· Parti minn Triq il-Merkanti, Għ’sielem

Toroq li ntbgħatu d-dokumenti lid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jiġu ppublikati l-offerti:

· Triq Gregorio Caraffa, Nadur

Triq Xemmiex, Nadur

· Parti minn Triq Santa Dminka, Munxar

Parti minn Triq il-Prof. Guze Aquilina, Munxar

· Triq il-Knisja, Nadur

Toroq li ser jiġu ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea:

· Triq ix-Xlendi, Munxar

· Triq ta’ Pinu, Għarb

Barra mit-toroq imsemmija hawn fuq bħalissa għaddej xogħol preparatorju biex jinħarġu sejħiet għall-offerti ta’ toroq oħra mifruxa ma diversi lokalitajiet f’Għawdex.

Seduta 444

27/10/2006

## 79. GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI

Date: 23/10/2006

**21494. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21339, tista' il-Ministru tgħid kemm trid *staff* biex jintuża dan il-makkinarju u kemm hi l-frekwenza ta' l-użu ta' din il-makna?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Dan il-makkinarju jista' jitħaddem minn persuna waħda li tista' tkun kemm infermiera u kemm tabib. Dan jintuża f'każ ta'

emerġenza meta jkun hemm pazjent b'attakk ta' qalb.  Ma tinżamx statistika ta' kemm-il darba jintuża dan il-makkinarju.

Seduta 444

27/10/2006

## 80. SERVIZZ TAL-HELICOPTER

Date:  23/10/2006

**21517. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA**  staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21340, jista' il-Ministru jikkonferma li s-servizz se jibqa' jingħata mill-HSE matul ix-xitwa, ovvjament *weather permitting*?

**ONOR. ĊENSU GALEA:**  Jien infurmat li għaddejjin diskussjonijiet mal-HSE dwar il-possibilita li s-servizz jitkompla.

Seduta 444

27/10/2006

## 81. KUNSILLI LOKALI - DEVOLUZZJONI TA' ART

Date:  23/10/2006

**21520. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA**  staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm saru devoluzzjonijiet ta' art tal-gvern lill-kunsilli lokali f'dawn l-aħħar għaxar snin f'Għawdex?  Meta saru?  Jista' jispeċifika liema kienu l-kunsilli lokali konċernati kif ukoll jagħti dettalji ta' l-art u jgħid għal liema skop/proġett saret din id-devoluzzjoni?

**ONOR. TONIO BORG:**  Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant.  Din l-informazzjoni tinkludi biss dawk il-proprjetajiet f'Għawdex li għaddew għand il-Kunsilli Lokali permezz ta' devoluzzjoni mill-1999 sa Ottubru ta' l-2006.  Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-*Policy* dwar Devoluzzjoni Lokali ġiet introdotta f'Marzu ta' l-1999.

Seduta 444   27/10/2006

**82. MOLL TA' L-IMĠARR**

Date: 19/10/2006

**21436. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21104 u għar-risposta relattiva senjatament fejn qed jingħad li t-tieni parti tal-mistoqsija tiġi risposta aktar 'il quddiem, allura dan ifisser li għadna ma nafux dwar kemm se tiġi tqum din il-modifika?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** F'dan l-istadju m'għandi xejn x'inżid mar-risposta mgħotija għall-Mistoqsija Parlamentari nru. 21104.

Seduta 442

24/10/2006

**83. MISTOQSIJA SUPPLIMENTARI NHAR 24 TA' OTTUBRU 2006**

**MR SPEAKER:** L-Onor. Justyne Caruana, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Meta jkollok ilmenti mressqa quddiem il-bord tal-petizzjonijiet, *in the meantime* qed ikollna każijiet fejn xorta waħda qed jinħarġu t-taħrikiet biex tidher quddiem it-tribunal. Minħabba f'hekk, avolja bniedem ikun għaddej quddiem il-bord tal-petizzjonijiet pero' biex jissalvagwardja lilu nnifsu dan xorta waħda jmur quddiem it-tribunal. Jista' il-Viċi Prim Ministru jindirizza din il-problema li kulma jonqosha daqsxejn *fine tuning,* biex nevitaw dawn it-tip ta' inkonvenjenzi?

**ONOR. TONIO BORG:** Sur President, wieħed irid joqgħod ftit attent. Il-fatt li tagħmel petizzjoni ma jfissirx li rbaħt il-każ u lanqas m'għandu jfisser li awtomatikament se jiġu sospiżi l-proċeduri. Issa jekk il-kummissarju tal-ġustizzja jidhirlu li għandu jissospendi, dik hija kwestjoni oħra, imma ejja noqogħdu attenti qabel ma ndaħħlu xi sistema li biha jekk tagħmel petizzjoni, awtomatikament se jieqfu l-proċeduri, iktar u iktar issa li għamilniha possibbli li l-petizzjoni tista' tagħmilha anke wara li jinqata' l-każ. Ħalli nispjega ruħi.

Qabel, meta ħriġna l-ewwel *legal notice* f'Jannar 2006, il-proċedura kienet li l-petizzjoni trid tagħmilha fi żmien għaxart ijiem minn mindu tirċievi t-*ticket*. Mela jekk inti rċevejt it-*ticket* u m'għamilt xejn u mbagħad mort quddiem it-tribunal u tlift il-każ, ma stajtx tmur quddiem il-bord. Issa neħħejna dak il-limitu u neħħejna wkoll ir-restrizzjoni assoluta taż-żmien. Hemm terminu pero' jekk inti mbagħad tipprova li kien hemm raġunijiet għaliex inti għamilt dik il-petizzjoni

tard - naturalment irid ikun żmien raġonevoli - iċ-*chairman* tal-bord jista' jieħu konsiderazzjoni tal-każ.

Qiegħed ngħid hekk għax anke fil-petizzjonijiet hekk imsejħa kbar, taħt artiklu 93 tal-Kostituzzjoni, il-fatt li għamilt petizzjoni ma jissospendix is-sentenza jew il-proċeduri u allura rridu noqogħdu attenti li ma noħolqu xejn speċjali hawnhekk. Huwa rakkmandabbli li jekk il-kummissarju tal-ġustizzja jaf li hemm petizzjoni joqgħod ftit attent, pero' li nagħmluha tassattiva li malli tidħol il-petizzjoni kollox jiġi ffriżat, naħseb li m'huwiex indikat. Jiena nikkonsidra kwalunkwe suġġeriment li tista' tagħmel l-Onor. Caruana f'dak il-kontest. Din m'hijiex kwestjoni kontroversjali imma hija kwestjoni li nippruvaw kemm jista' jkun nagħtu rimedju lil min ħaqqu.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Li rrid ngħid huwa aktar punt ta' kjarifika, Sur President. Meta ssir petizzjoni quddiem il-bord, il-korrispondenza li tirċievi lura tgħidlek li jekk ikun hemm xi żviluppi, se tiġi nformat mill-bord. Issa *in between* xorta qed jirċievu t-taħrikiet u allura qed jirriżulta inkonvenjent.

**ONOR. TONIO BORG:** Il-punt ta' l-Onor. Caruana nifhmu, pero' trid tipprova tifhem il-punt ta' l-amministrazzjoni. Jekk tgħid li malli tagħmel il-petizzjoni ma tistax toħroġ it-taħrika, hemmhekk tkun qed toħloq konfużjoni amministrattiva kbira. Issa veru li se tiġi fis-sitwazzjoni li ma tkunx taf għandekx tmur quddiem it-tribunal jew le. Jien ngħid li jekk tkun għadha ma nqatgħetx il-petizzjoni jaqbillek tmur dejjem jew titlob differiment.

Qed niftakar ukoll li għamilna *legal notice* oħra li permezz tagħha tista' ma tidhirx quddiem it-tribunal lokali wara li tirċievi ċ-ċitazzjoni - l-aktar li għamilniha għall-Għawdxin din - u tibgħat lil ħaddieħor minflokok. Qabel dan ma kienx possibbli. U anke biex tikkontesta jew titlob differiment, tista' tibgħat lil ħaddieħor, mentri qabel bilfors kien ikollok tmur inti. Pero' sal-lum ma nħossnix konvint li għandna nagħmlu regolament ġdid li jgħid li malli titfa' l-petizzjoni u tibgħatha, jieqfu l-proċeduri. Ċertament irridu nieħdu dawn l-affarijiet in konsiderazzjoni.

L-informazzjoni li għandi hi li kemm jista' jkun dawn il-petizzjonijiet jinqatgħu malajr, pero' jista' jkun hemm xi każijiet li jdumu aktar. Il-proċedura hi nformali ħafna, m'hemm l-ebda ħlas biex tagħmel il-petizzjoni, jekk trid tista' tmur għand avukat, jekk trid tista' ma' tmurx għand avukat u tista' tiktibha inti stess billi sempliċement tagħmel ittra normali u tindirizzaha lill-Bord tal-Petizzjonijiet, Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, Triq l-Arcisqof, il-Belt.

## 84. GĦAWDEX - BIĊĊERIJA

Date: 18/10/2006

**21338. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid għal liema raġuni għalqet il-parti tal-biċċerija fejn kienu jidħlu l-każi ta' emerġenza? Tista' tgħid issa x'rimedju se jkollhom ir-raħħala peress li sakemm iddum magħluqa dawn il-bhejjem qed jintremew?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-parti tal-biċċerija fejn kienu jidħlu l-każi ta' emergenza ngħalqet minħabba li sitwazzjonijiet bħal dawn qegħdin jiġu ttrattati fir-razzett rispettiv. Jiena nfurmata wkoll li qiegħda tittieħed azzjoni biex bhejjem li jistgħu jkunu tajbin għall-konsum jinġarru lejn il-biċċerija ta' Malta.

Seduta 441

23/10/2006

## 85. GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI

Date: 18/10/2006

**21339. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid jekk fl-isptar ġenerali ta' Għawdex hemmx *automated external defibrillator*? Jekk fl-affermattiv, tista' tgħid kemm jiswa dan il-makkinarju? Jekk fin-negattiv, hemm xi ħsieb li dan il-makkinarju jiġi akkwistat?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant illi ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hemm *automated external defibrillator* wieħed. Dan il-makkinarju ma nafux kemm jiswa peress li ġie mogħti lill-isptar bħala donazzjoni mill-għaqda *"The Friends of the Sick and the Elderly".*

Seduta 441

23/10/2006

## 86. SERVIZZ TAL-HELICOPTER

Date: 18/10/2006

**21340. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li mhux se jinżammu *bookings* għall-*helicopter* bejn Malta u Għawdex? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid għaliex?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li l-*bookings* li jsiru ma' HSE għadhom jiġu aċċettati.

Seduta 441

23/10/2006

## 87. GĦAWDEX - ĊITAZZJONIJIET MILL-WARDENS

Date: 18/10/2006

**21341. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jirrispondi mistoqsija parlamentari 20800 fejn ġie mwieġeb li risposta tingħata f'seduta oħra?

**ONOR. TONIO BORG:** B'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari Nru. 20800, ninsab infurmat illi n-numru ta' ċitazzjonijiet mogħtija f'Għawdex matul Ġunju, Lulju u Awissu ta' l-2006, hu kif jidher fil-listi li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Din l-informazzjoni turi kif dawn ingħataw raħal b'raħal u kemm minnhom kienu ta' vetturi rreġistrati f'Malta u kemm f'Għawdex.

Seduta Numru 441

23/10/2006

## 88. SCHOLARSHIPS

Date: 18/10/2006

**21350. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 19302 li saret fis-seduta tat-22/05/06 u li tweġiba kellha tingħata f'seduta oħra, jista' il-Ministru

jgħid kemm ingħataw *scholarships* għall-korsijiet barra minn Malta fl-aħħar sitt snin? Jista' jgħid f'liema universitajiet jew kulleġġi ngħataw dawn l-i*scholarships* u f'kull każ individwali jgħid kemm ħallas għalihom il-gvern?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Peress li t-tagħrif mitlub għadu ma wasallix fl-uffiċju, tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 441

23/10/2006

## 89. GĦAWDEX - TERRAPIEN

Date: 18/10/2006

**21416. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21018, jista' il-Ministru jgħid fejn intrema' it-terrapien tax-xogħol fit-triq Għajnsielem/Xewkija? Jista' jgħid kemm kien hemm vjaġġi ta' terrapien li ġie mormi?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** It-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata f'seduta oħra.

Seduta 441

23/10/2006

## 90. MCAST TA' GĦAWDEX - BTEC DIPLOMA IN ELECTRONICS COURSE

Date: 9/10/2006

**21103. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid għal liema raġuni l-kors ta' BTEC *diploma in Electronics* offrut fl-MCAST ta' Għawdex ġie mwaqqaf u l-istudenti ġew mgħarrfa llum stess b'dan? Ma jaħsibx il-Ministru li dan mhux ġust fil-konfront ta' l-istudenti konċernati u jista' jgħid x'passi se jittieħdu biex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-istudenti nfushom iddeċidew li ma jsegwux il-kors, li rreferiet għalih l-Onor. Membru, biex jibdew jattendu kors ieħor. Seduta 438 16/10/2006

**91. MOLL TA' L-IMĠARR**

Date: 09/10/2006

**21104. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 21016 dwar *escalator* għall-passiġġieri, jista' il-Ministru jgħid meta saret id-deċiżjoni għal din il-modifika u jgħid jekk din il-modifika involvietx spejjeż *extra*? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid kemm?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li d-deċiżjoni sabiex issir din il-modifikazzjoni saret reċentament. Dwar it-tieni parti tal-mistoqsija r-risposta tkun tista tingħata aktar il-quddiem.

Seduta 438

16/10/2006

**92. KAŻ DWAR GĦOTI TA' KOTBA LIL STUDENTA**

Date: 11/10/2006

**21193. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jara li l-istudenta li dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, tingħata l-kotba indikati separatament mill-iskola fejn tattendi?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li d-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni tipprovdi kotba lil studenti li jattendu skejjel Primarji u Sekondarji. Studenti li jattendu skejjel Post-Sekondarji jingħataw stipendju kif ukoll *allowance* fil-bidu tas-sena, biex ikunu jistgħu jixtru l-kotba li jkollhom bzonn.

Seduta 438

16/10/2006

## 93. ĠARR TA' PAZJENTI GĦAWDXIN

Date: 11/10/2006

**21194. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid għaliex il-*coach* ta' l-isptar li ġġorr il-pazjenti Għawdxin lejn St Luke's u lura ma toperax is-Sibt? Tista' tgħid jekk hemmx xi ħsieb li dan is-servizz jibda jingħata?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li dan is-servizz fil-fatt ilu jingħata. Fil-fatt il-coach, meta jkun hemm talba awtorizzata minn tabib, tmur nhar ta' sibt ukoll mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex għall-Isptar San Luqa.

Seduta 438

16/10/2006

## 94. TALBA GĦAL FACILITATOR

Date: 03/10/2006

**21010. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jara l-każ ta' studenta li dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li ilha titlob għall-*facilitator* għal diveri snin?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-istudenta msemmija li ilha snin li ġiet *statemented* b'*Full Time Facilitator* u llum qiegħda fil-Form II. Informat li anke meta kienet fl-iskola primarja kellha *facilitator* ukoll.

Seduta 435

09/10/2006

## 95. MOLL TA' L-IMĠARR

Date: 04/10/2006

**21016. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid għal liema raġuni nqala' it-taraġ li kien inbena fuq il-moll ta' l-Imġarr, minn liema taraġ suppost kellhom jinżlu l-passiġġieri?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li sa llum il-ġurnata, l-Awtorita' Marittima ma qagħlet l-ebda taraġ li nbena fuq il-moll ta' l-Imġarr. Kull ma saret kienet modifikazzjoni fuq dan it-taraġ sabiex il-post jkun jista jakkomoda *escalator* għall-passiġieri.

Seduta 435

09/10/2006

**96. SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - INĊINERATUR**

Date: 04/10/2006

**21017. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid xi proġetti għandu l-gvern dwar l-inċineratur ta' l-isptar ġenerali ta' Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant illi wieħed mill-proġetti ppjanati għall-Isptar Ġenerali t'Għawdex huwa l-'*clinical waste decontamination unit',* li jinkludi t-tneħħija ta' l-inċineratur. Fil-fatt, diġa sar l-istudju neċessarju marbut ma' dan il-proġett u anke saret l-applikazzjoni lill-MEPA għall-permessi neċessarji.

Seduta 435

09/10/2006

**97. GĦAWDEX - TERRAPIEN**

Date: 04/10/2006

**21018. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid fejn intrema' it-terrapien tax-xogħlijiet fit-toroq tar-Rabat/San Lawrenz u Għajnsielem/Xewkija? Tista' tgħid kemm kien hemm *load* ta' terrapien li ġie mormi?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li parti mill-materjal fuq it-triq tar-Rabat/San Lawrenz ġie riċiklat u ntuża bħal rdim fuq l-istess post filwaqt li materjal ieħor li ma kienx addattat biex jintuża fuq is-sit ġie mitfugħ fil-barriera ta' Isopu n-Nadur Għawdex. Jiena nfurmata wkoll li ma tinzammx informazzjoni dwar in-numru ta' viegi ta' terrapien mormi minhabba li il-kejl relevanti ghal

kuntratt huwa tal-volum imhammel. Dwar il-parti tal-mistoqsija li tirreferi għat-triq ta' Għajnsielem nitlob l-Onorevoli Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru konċernat

Seduta 435

09/10/2006

**99. RABAT - TRIQ GĦAJN QATET**

Date: 25/09/2006

**20763. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li Triq Għajn Qatet, Rabat tinsab fi stat ħażin ħafna, tista' il-Ministru tara li jsir ix-xogħol ta' *patching* neċessarju kemm jista' ikun malajr?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li ser tittieħed l-azzjoni neċessarja fil-ġranet li ġejjin

Seduta 432

02/10/2006

**100. FACILITATORS**

Date: 25/09/2006

**20774. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jispjega u jgħid x'se jiġri minn dawk is-60 *facilitator* li ftit ġranet ilu ġew informati li dawn huma *redundant* u allura tilfu l-impjieg tagħhom?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Nitlob l-Onor. Membru tirreferi għat-tweġiba għal Mistoqsija numru 20770.

Seduta 432

02/10/2006

**101. TRIQ FIX-XEWKIJA**

Date: 25/09/2006

**20779. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 20713, jista' il-Ministru jgħid kemm se jiġi jiswa x-xogħol fit-triq mill-Imġarr sax-Xewkija, jingħata *breakdown* ta' l-ispejjeż u minn min qed isir ix-xogħol?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ix-xogħol fit-triq mill-Mġarr sax-Xewkija hu stmat li se jiġi jiswa LM1,449,136.

Ix-xogħol qed jinħadem minn K.R.A.M. Joint Venture, *breakdown* ta' l-ispejjeż qed jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 432

02/10/2006

**102. GĦAWDEX - ĊITAZZJONIJIET MILL-WARDENS**

Date: 27/09/2006

**20800. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm ingħataw ċitazzjonijiet mill-*wardens* f'Għawdex matul ix-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awissu 2006? Jista' jagħti l-elenku għal kull raħal separatament kif ukoll jgħid kemm minnhom kienu dwar vetturi reġistrati fuq sidien Maltin u kemm minnhom reġistrati fuq sidien Għawdxin?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li billi l-informazzjoni għadha qed tinġabar, tingħata tweġiba f'xi seduta oħra.

Seduta 432

02/10/2006

**103. GĦAWDEX - LUKANDI**

Date: 27/09/2006

**20808. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u Kultura: Jista' il-Ministru jgħid kemm għalqu lukandi f'Għawdex f'dawn l-aħħar għaxar snin, liema huma u kemm kellhom sodod?

**ONOR. FRANCIS ZAMMIT DIMECH:** Ninsab infurmat li f'dawn l-aħħar 10 snin f'Għawdex għalqu dawn il-lukandi:

Ritz Hotel lukanda ta' żewġ stilel b'34 sodda (1996)

Andar Hotel lukanda ta' erba' stilel bi 80 sodda (2004)

Mġarr Hotel lukanda ta' ħames stilel b'158 sodda (2005)

Total ta' 272 sodda

Fl-istess perjodu nfetħu dawn il-lukandi:

Grand Hotel lukanda ta' erba' stilel b'114 sodda (1997)

San Lawrenz lukanda ta' ħames stilel b'214 sodda (1999)

San Andrea lukanda ta' tlett stilel b'56 sodda (2001)

Down Town lukanda ta' tlett stilel b'76 sodda (2005)

Total ta' 460 sodda

Seduta 432

02/10/2006

## 104. KORSIJIET MILL-ETC

Date: 19/09/2006

**20711. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jelenka l-korsijiet offruti mill-ETC f'Malta u f'Għawdex separatament?

**ONOR. LOUIS GALEA:** It-tagħrif mitlub ser jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 429

25/09/2006

## 105. TRIQ MIR-RABAT SA SAN LAWRENZ

Date: 19/09/2006

**20712. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm se jiġi jiswa x-xogħol li qed isir fit-triq mir-Rabat sa San Lawrenz u jingħata *breakdown* ta' l-ispejjeż u minn min qed isir ix-xogħol?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni mitluba qed tinġabar u risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta 429

25/09/2006

## 106. TRIQ MILL-IMĠARR SAX-XEWKIJA

Date: 19/09/2006

**20713. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm se jiġi jiswa x-xogħol fit-triq mill-Imġarr sax-Xewkija, jingħata *breakdown* ta' l-ispejjeż u minn min qed isir ix-xogħol?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Peress li x-xogħol fit-triq mill-Imġarr sax-Xewkija jaqa' fir-responsabilta tal-Awtorita' Dwar it-Trasport nitlob l-Onorevoli Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.
Seduta 429 25/09/2006

## 107. XOGĦLIJIET F'GĦAWDEX

Date: 19/09/2006

**20714. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid favur min ġew aġġudikati, jekk ġew, it-*tenders* għax-xogħlijiet: 1) fl-*incubation centre* - Għajnsielem; 2) *training hotel* - Qala; 3) *decompression chamber;* 4) biċċerija? Jekk ġew aġġudikati, tista' *in oltre* tgħid kemm se jiswew dawn ix-xogħlijiet kull wieħed separatament?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 429

25/09/2006

## 108. FULJETT "GĦAWDEX"

Date: 20/09/2006

**20726. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm qed tiġi tiswa l-pubblikazzjoni u t-tqassim ġod-djar tal-fuljett "Għawdex" maħruġ mill-Ministeru għal Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li l-ispiża tal-pubblikazzjoni u t-tqassim fid-djar tal-fuljett 'Għawdex' kienet kif jidher hawn taħt:

| | ***Stampar*** | ***Posta*** |
|---|---|---|
| Ħarġa Nr 1 | Lm 1469.00 | Lm 212.80 |
| Ħarġa Nr 2 | Lm 1309.00 | Lm 216.00 |

Seduta 429

25/09/2006

**109. GOZO CHANNEL - ĦADDIEMA**

Date: 17/07/2006

**20286. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid kemm ħaddiema tal-Gozo Channel irtiraw matul din is-sena? Jista' jgħid jekk matul din is-sena ġewx impejgati ħaddiema/*crew* mal-Gozo Channel u jekk fl-affermattiv, jgħid meta sar l-ingaġġ u f'liema mansjoni?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninsab infurmat li n-numru ta' persuni li rtiraw din is-sena minn mal-Kumpanija Gozo Channel kien ta' tnax (12)-il persuna.

Tlitt (3) persuni ġew impjegati bħala 2nd Engineers fi Frar, wieħed (1) fil-grad ta' Chief Officer f'Ġunju', l-erbgħa fuq bażi ta' 'full time', u Tlettax (13) oħra bħala Casual Workers fi Frar.

Seduta 422

24/07/2006

**110. HEARSES**

Date: 17/07/2006

**20287. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' il-Ministru jgħid kemm hawn liċenzji ta' *hearses* f'Malta u Għawdex separatament u jgħid meta nħarġu?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat illi liċenzji ta' *hearses* f'Malta u Għawdex huwa kif jidher hawn taħt :-

**Malta Sena rreġistrata**

RIP 001 1959

RIP 002 1959

RIP 003 1959

RIP 004 1959

RIP 005 1959

RIP 006 1959

RIP 007 1959

RIP 008 1959

RIP 009 1959

RIP 010 1959

RIP 011 2006

RIP 012 2006

**Għawdex Sena rreġistrata**

HRS 267 1990

HRS 711 1976

Pero’, nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' l-Onorevoli Interpellant l-pulizija ta’ Malta għandhom ukoll vettura biex ikunu jistgħu jġorru l-mejtin.

Seduta 422

24/07/2006

## 111. MUNXAR - TRIQ RAS IL-BAJJADA

Date: 12/07/2006

**20244. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Peress li qed ikun hemm problemi frekwenti in konnessjoni mas-sistema tad-drenaġġ fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Għawdex u qed jinħoloq inkonvenjent għar-residenti, jista' il-Ministru jara li din il-problema tiġi indirizzata?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninsab infurmat li l-problema in konnessjoni mas-sistema tad-drenaġġ fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar kienet ikkawżata minn xi materjal li kien qed jiġi fis-sistema minn xi irziezet fil-qrib meta tagħmel ix-xita.

Wara x-xitwa, il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma ma kelliex rapporti frekwenti minn din it-triq, u għalhekk il-problema kienet meqjusa bħala waħda minima.

Jekk hemm xi konsumatur li għandu xi problema persistenti fis-sistema tad-drenaġġ hu mitlub jirrapporta lill-Korporazzjoni sabiex nistudjaw il-każ.

Seduta 417

17/07/2006

## 112. MARITIME INSTITUTE

Date: 27/06/2006

**19942. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li l-Maritime Institute se jagħlaq jew le? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid x'inhi r-raġuni?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li assolutament m'hemm l-ebda ħsieb li l-Istitut Marittimu jingħalaq.

Seduta 406

03/07/2006

## 113. XGĦARA - TRASPORT PUBBLIKU

Date: 27/06/2006

**19943. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li fir-raħal tax-Xagħra hemm l-MCAST u l-istudenti qed jilmentaw li ma hemmx trasport pubbliku adegwat, jista' il-Ministru jara jekk huwiex possibbli li s-servizz jopera aktar frekwenti?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li fuq il-linja tax-Xagħra bejn is- 07.00 u 19.00 jeżistu tlettax il-vjaġġ li huma fil-ħinijiet segwenti :-

07.00 hrs, 10.30 hrs, 14.15 hrs, 19.00 hrs, 08.15 hrs, 11.15 hrs, 16.00 hrs, 09.00 hrs, 12.00 hrs, 17.00 hrs, 09.45 hrs, 13.15 hrs, 18.00 hrs.

Jien infurmat ukoll li barra din ir-rotta jeżisti servizz ieħor li hu organizzat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li qiegħed speċifikament għall-ġarr ta' l-istudenti.

Seduta 406

03/07/2006

**114. AVVIŻI TA' L-AWTORITA' TAD-DJAR**

Date: 19/06/2006

**19770. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Familja u tas-Solidarjeta' Soċjali: B'riferenza għall-avviżi nri. 151, 152, 153 u 154 magħmula miċ-*chairperson* ta' l-awtorita' tad-djar u liema avviż deher fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Ġunju 2006, tista' il-Ministru tgħid jekk dan il-bejgħ hux *outright sale* miftuħ għal kulħadd jew altrimenti hux se jkun hemm sistema ta' punteġġ li permezz tagħha jiġu preferuti koppji żgħażagħ Għawdxin jew nies li normalment jirrikorru għall-għajnuna ta' l-istess awtorita'?

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Ninsab infurmata li l-bejgħ ta' l-erba *plots* skond l-avviżi li għamlet referenza għalihom l-Onor. Interpellanti qed isir bl-offerta miftuħa għall-pubbliku kollu.

Seduta 401

26/06/2006

**115. SANNAT - TRIQ TAL-LEWŻ**

Date: 06/06/2006

**19568. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li qed isiru diversi lmenti dwar Triq tal-Lewż, fis-Sannat minħabba l-istat ħażin ta' l-istess triq, tista' il-Minstru tara li din is-sena s-sitwazzjoni tiġi rimedjata kemm jista' ikun malajr?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li x-xogħlijiet fi Triq il-Lewż fis-Sannat huma ppjanati li jsiru aktar il-quddiem.

Seduta 395

12/06/2006

## 116. SEDUTI TAT-TRIBUNALI LOKALI

Date: 06/06/2006

**19569. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li s-seduti tat-tribunali lokali qegħdin isiru fis-sala ta' l-NGO centre u f'liema sala m'hemmx arja kkondizzjonata, u peress li waqt is-seduti jsiru lmenti kemm mill-pubbliku kif ukoll *wardens* u persuni oħra minħabba s-sħana, tista' il-Ministru tara jekk din il-problema tistax tiġi riżolta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li fis-sala tal-NGO Centre hemm sistema ta' fans li jtaffu l-problema. L-istallazzjoni ta' apparat tal-arja kkondizzjonata qed tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-prioritajiet ta' dan il-Ministeru.

Seduta 395

12/06/2006

## 117. GOZO CHANNEL

Date: 29/05/2006

**19420. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid xi proprjeta' kriet il-Gozo Channel fl-aħħar għaxar snin u jgħid fejn, mingħand min inkriet, kemm, destinazzjoni u jekk sarux xi spejjeż mill-Gozo Channel fil-fondi mikrija? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid xi spejjeż saru f'kull fond separatament?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 393 05/06/2006

**118. QORTI TAL-FAMILJA - KAŻI PENDENTI**

Date: 30/05/2006

**19463. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm hemm każi pendenti quddiem kull medjatur fil-qorti tal-familja?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi t-tagħrif mitlub mill-Onor. Interpellanti sal-31 ta' Mejju 2006, hu kif jidher fit-Tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 393 05/06/2006

**119. SMART CARD**

Date: 22/05/2006

**19340. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministu ġentilment jgħid għal liema raġuni l-istudent li dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, għadu ma rċeviex l-i*smart card* tiegħu?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-uffiċċju ta' l-MCAST, Malta, li hu responsabbli wkoll għall-istudenti Għawdxin ta' l-MCAST, kien infurmat 15-il ġurnata ilu l-'*istudent card* ta' l-istudent li għalih qed tirreferi il-Mistoqsija Parlamentari kienet saritilha ħsara.

Informat ukoll li l-uffiċċju għadu ma rċeviex informazzjoni oħra mitluba mill-istudent. Madankollu l-Bord approva l-ħruġ ta' *card* oħra lill-istudent li tkun għandu sa tmiem il-ġimgħa.

Seduta 390 29/05/2006

**120. MONUMENT TA' KRISTU RE**

Date: 24/05/2006

**19387. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li riċentement żdiedu wħud mill-ismijiet tal-vittmi tal-gwerra fuq il-

monument ta' Kristu Re, tista' il-Ministru tgħid għaliex ma tniżżlux l-ismijiet tal-vittmi kollha u meta ser jitniżżlu l-bqija?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-impjegat nkargat minn dan ix-xogħol kien involut f' xogħlijiet aktar urġenti fiċ-Cittadella u għaldaqstant għadhom ma tniżżlux l-ismijiet kollha. Huwa ppjanat li l-bqija tal-ismijiet jitniżżlu appena jitlesta dan ix-xogħol.

Seduta 390 29/05/2006

**121. GĦAWDEX - MARINA**

Date: 24/05/2006

**19388. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Peress li saru ilmenti dwar ħsarat fil-pontoons tal-marina f'Għawdex li qed itelfu lis-sidien tad-dgħajjes meta jorbtu l-qxur tagħhom, jista' il-Ministru ġentilment jara li din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li waqt *survey* ta' rutina li sar mill-Awtorita' Marittima irriżulta li hemm xi ħsarat fil-qiegħ u fuq in-naħa ta' barra tal-*breakwaterarm* il-qasira. Tlabt lill-Awtorita' Marittima biex tara x'jista jsir.

Seduta 390 29/05/2006

**122. KORSIJIET FIS-SNAJJA'**

Date: 15/05/2006

**19180. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm mill-korsijiet fis-snajja', li għalihom kienu qegħdin jintlaqgħu l-applikazzjonijiet f'Jannar 2006, baqgħu ma fetħux? Liema kienu dawn il-korsijiet u kemm kienu l-istudenti li applikaw għalihom f'kull każ? Kemm se jintilfu fondi mill-Unjoni Ewropea minħabba l-fatt li baqgħu ma fetħux?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-korsijiet fis-snajja f'Għawdex li qed jiġu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea huma maqsuma f'zewġ fa¿ijiet.

Meta ħarġu l-applikazzjonijiet ħarġu għal diversi korsijiet. I¿da fl-ewwel fa¿i nbdew dawk il-korsijiet li għalihom kien hemm l-akbar numru ta' applikazzjonijiet.

Il-flus allokati għal dawn il-korsijiet mhux ser jintilfu għax aktar tard din is-sena aktar korsijiet ser jiġu offruti kif kien ippjanat oriġinarjament.

Il-lista ta' dawk il-korsijiet li ma fetħux kif ukoll in-numru ta' applikanti għalihom qed titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 387     22/05/2006

**123. SCHOLARSHIPS**

Date:  17/05/2006

**19302. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA**  staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid kemm ingħataw *scholarships* għall-korsijiet barra minn Malta f'dawn l-aħħar sitt snin?  Jista' jgħid f'liema universitajiet jew kulleġġi ngħataw dawn l-i*scholarships* u f'kull każ individwali kemm ħallas il-gvern għalihom?

**ONOR. LOUIS GALEA:**  Peress li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar, tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 387     22/05/2006

**124. PAZJENTI GĦAWDXIN**

Date:  10/05/2006

**19074. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA**  staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Peress li ħafna pazjenti Għawdxin ikollhom jiġu Malta għall-kura jew testijiet għax f'Għawdex għandna nuqqas ta' faċilitajiet, peress li normalment pazjenti Għawdxin li jiġu l-isptar Malta jingħataw preċedenza qabel pazjenti Maltin, peress li fl-*outpatients orthopaedic* kien hemm avviż fis-sens li l-Għawdxin għandhom preċedenza u tneħħa, jista' allura l-Ministru jgħid jekk il-pazjenti Għawdxin għandhomx preċedenza jew le?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Ninforma lill-Onor. Iterpellant li peress li fl-Outpatients qed jingħataw appuntament b'ħinijiet fissi , u peress li l-vjaġġi u s-*schedule* tal-vapuri tal-Gozo Channel żdidu inħoss li ma hemmx ħtieġa li tingħata preċedenza lil xi kategorija ta' nies.

Seduta 384 15/05/2006

**125. PAZJENTI LI JITTIEĦDU GĦAL KURA MALTA**

Date: 02/05/2006

**18763. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li saru xi lmenti li t-trasport bil-*coach* li tmur l-isptar Malta kull fil-għodu mhux qed joqogħdu l-pazjenti kollha, tista' il-Ministru tgħid jekk f'każi bħal dawn huwiex maħsub li jiżdiedu l-mezzi ta' trasport?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ma jirriżultax li hemm nuqqas ta' spazju għall-pazjenti fuq il-*coach*li tmur malta kull filgħodu.

Seduta 381 08/05/2006

**126. MATSEC - A LEVEL ACCOUNTING**

Date: 02/05/2006

**18786. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: B'riferenza għall-eżami tal-MATSEC A Level Accounting (SB1/A) li sar fil-25 ta' April 2006, peress li l-istudenti qed jilmentaw li fil-*papers* 1 u 2 kien hemm xi domandi li ma kenux inklużi fis-sillabu u qed issir riferenza senjatament għall-*paper 1 section A question 1a*, kif ukoll *paper 2 section B question 3b*, illi wkoll kien hemm diversi ambigwitajiet fil-karta in partikolari *paper 1 question 2* li tant kienet ambigwa li meta l-istudenti kkonsultaw ma' xi għalliema ma setgħux jaħdmuha u in vista ta' dawn il-lamenteli, jista' il-Ministru jgħid x'passi se jittieħdu biex l-istudenti jiġu kkumpensati għal dawn l-anomaliji fil-karta ta' l-eżami msemmija?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li fl-eżami tal-MATSEC fl-*Accounting* Livell Avvanzat li sar fil-25 ta' April 2006, il-mistoqsijiet kollha kienu dwar *topics* inklużi fis-sillabu u ma kienx hemm mistoqsijiet ambigwi.

Seduta 381 08/05/2006

**127. CULAR PROSTHESIS**

Date: 03/05/2006

**18854. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid jekk l-*ocular prosthesis* hux se tibqa' issir Malta jew le? *In oltre*, jista' jgħid x'għajnuna tingħata mill-gvern lill-pazjenti li jagħmlu l-*prosthesis* u *re-fitting* konsegwenzjali barra minn Malta? Tista' tgħid ukoll kemm hemm persuni li jingħataw din it-tip ta' għajnuna mill-gvern?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Ninsab infurmat li s-servizz ta' *Occular Prosthesis* ser jibqa' jingħata f'Malta. Il-proċeduri biex jintagħżel xi ħadd biex imexxi dan is-servizz waslu biex jiġu finalizzati. Qed ukoll isiru arranġamenti sabiex din il-persuna tiġi mħarġa.

Fil-preżent hemm ħamest itfal li jintbagħtu l-Ingilterra u l-Gvern jgħinhom kif jgħin lil kull persuna oħra li jkollha bżonn ta' kura barra minn Malta.

Seduta 381 08/05/2006

**128. MARSALFORN - DAWL FI TRIQ IS-SAJJIED**

Date: 25/04/2006

**18605. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Peress li Triq is-Sajjied, Marsalforn Għawdex mhijiex imdawwla adegwatament, jista' il-Ministru jgħid jekk huwiex possibbli li jiżdiedu l-bozoz tad-dawl f'dik it-triq?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari Nru: 18282.

Seduta 379 02/05/2006

**129. OVERSEAS ADOPTIONS**

Date: 25/04/2006

**18611. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin: Peress li l-proċeduri ta' *overseas adoptions* huma kollha bla ħlas, salv

għall-appostilli li jsiru fuq id-dokumenti meħtieġa li huma konsiderevoli, jista' il-Ministru jgħid jekk hemmx xi ħsieb li f'każi ta' *overseas adoptions* l-appostilli jsiru mingħar ħlas?

**ONOR. MICHAEL FRENDO:** Nixtieq ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi wara li rċevejt xi talbiet staqsejt lill-ufficjali tal- Ministeru tiegħi biex naraw kif nistgħu naġevolaw dan il-piż fuq każijiet ta` adozzjoni minn barra minn Malta.Bħalissa dan il-proċess qed jiġi eżaminat.

Seduta 379 02/05/2006

## 130. GĦAWDEX - SIDIEN TAL-BAQAR

Date: 26/04/2006

**18655. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 18219 li saret lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent u li ġiet riferuta lill-ministru konċernat, b'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 13497 li wkoll kienet saret lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent u li ġiet imwieġba minnu, liema mistoqsija kienet titratta dwar skema ta' sussidju temporanju li twaqqaf fl-2001 għall-bhejjem li jinġarru minn Għawdex għal Malta, tista' il-Ministru tgħid għaliex din l-iskema twaqqfet? *In oltre,* tista' tgħid jekk il-gvern hux beħsiebu jerġa' jintroduċi din l-iskema?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ma għandi xejn xi nżid ma dak li rrisponda l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent għall-mistoqsija Numru 13497.

Seduta 379 02/05/2006

## 131. SERVIZZ TAL-HELICOPTER

Date: 26/04/2006

**18656. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 18260 u għar-risposta relattiva, peress li d-domanda tirriferi għal servizz li dwaru sar ftehim bejn il-gvern u l-operaturi, peress li diversi operaturi turistiċi jixtiequ jkunu jafu x'obbligi hemm, jekk hemm, imposti fuq is-*service provider* biex jipprovdi servizz meta l-*helicopter* li jopera normalment ma jkunx qed jopera minħabba manutenzjoni, jista' allura l-Ministru jagħti d-dettalji mitluba?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** M'għandi xejn x'inżid mar-risposta ta' PQ 18260.

Seduta 379 02/05/2006

## 132. TEATRI F'GĦAWDEX - OPRI LIRIĊI

Date: 26/04/2006

**18657. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 18327 u r-risposta relattiva, peress li l-opri liriċi li jittellgħu fit-teatri f'Għawdex jagħtu kontribut konsiderevoli lix-xena kulturali ġewwa Għawdex, peress ukoll li dawn l-opri ħafna drabi jsiru bit-telf, ma jaħsibx il-Prim Ministru li tali attivitajiet għandhom jikkwalifikaw għall-eżenzjonijiet?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:**

Ninforma lill-Onor Interpellant li t-tweġiba għadha qed tinġabar u għaldaqstant ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 379 02/05/2006

## 133. TERMINAL TA' GĦAWDEX - SIDIEN TAL-ĦWIENET

Date: 26/04/2006

**18658. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 18329, peress li d-domanda kienet tirriferi għal dawk li kellhom il-ħwienet u li ġew żgumbrati minħabba x-xogħol fuq it-*terminal*, jista' il-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni ta' dawn in-nies?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** F'dan l-istadju m'għandi xejn x'inżid mar-risposta ta' PQ 18329.

Seduta 379 02/05/2006

## 134. XOGĦLIJIET MAL-GVERN

Date: 04/04/2006

**18262. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Peress li ħafna żgħażagħ qed imorru japplikaw għal xogħlijiet mal-gvern li jirrikjedu *O level standard,* u peress li kulmin għandu l-marki 6 u 7 qed tiġi rifjutata l-applikazzjoni tagħhom, jista' allura l-Ministru jgħid *O level* marka 6 jew 7 x'jista' isir bih u għalxiex jiġi rikonoxxut?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li fl-eżamijiet tal-MATSEC fil-livell tas-SEC l-livell il-marki mill-1 sas-7 huma kollha gradi li jingħataw skond kriterji stipulati skond ir-regolamenti li se jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra. Għalkemm il-marki mill-1 sas-7 juru li l-istudent leħaq xi grad tal-livell ordinarju jiddipendi minn min qed jimpjega biex jistabilixxi l-kriterji rikjesti għall-impjieg.

Hemm korsijiet ukoll fl-MCAST u fl-ITS li jaċċettaw studenti grad ta' 6 u 7.

Seduta 377 25/04/2006

## 135. VAT - TEATRI F'GĦAWDEX

Date: 05/04/2006

**18327. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi: Jista' il-Prim Ministru jgħid jekk l-opri li jittellgħu Għawdex fit-Teatru Astra u Aurora humiex eżenti mill-VAT jew le?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li skond il-liġi tal-VAT , l-opri li jittellgħu f'Malta u Għawdex m'humiex eżenti mill-VAT.

Seduta 377 25/04/2006

## 136. GĦARB - TRASPORT PUBBLIKU

Date: 05/04/2006

**18328. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li r-residenti ta' l-Għarb, Għawdex qed ibatu minn inkonvenjent rigward is-servizz tat-trasport pubbliku peress li dan ġie ridott għal

tliet *trips* filgħodu biss, jista' il-Ministru jindirizza din il-problema sabiex dawn it-*trips* jiżdiedu?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Jien infurmat li għadhom għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u l-*Gozo Bus Owners Association* dwar id-devjazzjoni u n-numru ta' traġitti li jsiru fuq ir-rotta bejn ir-Rabat u San Lawrenz sakemm jitlestew ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fuq din it-triq. Id-diskussjonijiet dwar b'kemm għandhom jitnaqqsu n-numru ta' traġitti fuq din ir-rotta qegħdin isiru minħabba li r-rotta ta' devjazzjoni prattikament irduppjat fit-tul u l-ħin minn dik oriġinali.

Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li malli jintlaħaq ftehim finali, iċ-ċittadini ta' dawn il-lokalitajiet jiġu nfurmati, filwaqt li malli jitlesta' x-xogħol fuq din it-triq, terġa' tidħol fis-seħħ ir-rotta u l-ħinijiet oriġinali.

Seduta 377 25/04/2006

## 137. TERMINAL TA' GĦAWDEX - SIDIEN TAL-ĦWIENET

Date: 05/04/2006

**18329. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Peress li meta bdew ix-xogħlijiet fuq it-*terminal* ta' l-Imġarr, Għawdex ġew żgumbrati xi sidien tal-ħwienet għaliex fejn kien hemm dawn il-ħwienet se jiġi l-istess *terminal*, jista' il-Ministru jgħid meta dawn is-sidien se jingħataw post alternattiv u fejn?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li meta jitlesta t-*terminal* ta' l-Imġarr Għawdex, il-faċilitajiet kollha marbuta ma' dan l-istess *terminal* se jingħataw b'kera (lease) lill-*Gozo Channel Co. Ltd*, bħala operatur tas-servizz bejn żewġ gżejjer. Dan il-*lease agreement (Harbour Agreement)* bejn l-Awtorita' Marittima u l-*Gozo Channel* se jkun finalizzat dalwaqt.

Għaldaqstant, matul il-perjodu tal-kera kull talba għal post ġewwa t-*terminal*, għandha ssir lill-*Gozo Channel Co. Ltd*. wara li jkun ġie ffinalizzat il-*Harbour Agreement*.

Seduta 377 25/04/2006

**138. BIRKIRKARA - TRIQ L-GĦABEX**

Date:  27/03/2006

**18071. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li Triq il-Għabex f'Birkirkara tinsab fi stat ħażin ħafna tant li r-residenti tat-triq bagħtu *e-mail* lill-Membri Parlamentari u anke bagħtu indirizz ta' *website* fejn wieħed jista' jara d-diżastru li hemm, jista' il-Ministru jara li l-ilmenti ta' dawn ir-residenti jiġu indirizzati minnufih?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat illi x-xogħol fit-triq imsemmija mill-Onorevoli Interpellant ġie maqsum f'diversi fażijiet. L-ewwel fażi jinkludi l-bini ta' *retaining wall* u t-tieni fażi jinkludi l-bini tat-triq imsemmija. Wara konsultazjonijiet mall-Mepa , kienu inbidlu *scheme alignment* minħabba problema ta' *storm water discharge* li hemm f'dawn l-akkwati.  It-tenders għal dawn ix-xogħolijiet inħarġu w id-Direttorat qiegħed jistenna biex jiġu mmarkati r-*road alignments* neċessarji mill-MEPA biex ikunu jistgħu jibdew dawn ix-xogħolijiet.

Huwa mistenni li l-ewwel fażi tax-xogħol jinbeda' fit-tieni ġimgħa ta' April.

Seduta 376   24/04/2006

**139. GĦAWDEX - SAN LAWRENZ/GĦARB**

Date: 03/04/2006

**18216. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li bħalissa t-triq għal San Lawrenz u l-Għarb tinsab magħluqa u l-aċċess għal dawn l-irħula qed isir mill-Għasri u peress li f'ċerti partijiet ta' din it-triq jekk tinqala' emerġenza jew inċident waqt li t-traffiku jkun għaddej jistgħu jinqalgħu diversi diffikultajiet,  u anke partijiet minn din it-triq hija ħażina ħafna, tista' il-Ministru tgħid xi prekawzjonijiet u miżuri qed jittieħdu, jekk ittieħdu, biex nevitaw dawn il-problemi?  *Inoltre* tista' tgħid jekk huwiex maħsub  li jkun hemm aċċess alternattiv senjatament minn dik it-triq li minn Santa Luċija tieħu għal San Lawrenz li bħalissa tinsab fi stat ħażin ħafna imma li tista' tiġi rranġata?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata illi ittieħdu l-prekawzjonijiet u miżuri neċessarji bl-akbar serjeta' fiċ-ċirkustanzi preżenti fit-tirq alternattiva li mill-Għasri twassal għall-Għarb u San Lawrenz.  It-trafikku qiegħed jiġi monitorat u ma huwiex qiegħed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku.  Fuq din ir-rotta ġew asfaltati 3880 metru kwadru ta' triq biex it-traffiku jkun jista' jimxi aħjar kif ukoll tneħħa parking minn ċerti partijiet li setgħu joħolqu diffikultajiet.  Napprezza li kulħadd jifhem li proġett ta' din il-portata joħloq xi nkonvenjent iżda kulħadd

għandu jifhem ukoll li dan l-investiment tant qawwi għal Għawdex ser jirriżulta fi proġett ta' fejda għall-komunita' Għawdxija. It-triq li minn Santa Luċija tieħu għal San Lawrenz, veru li m'hijiex f'kundizzjoni tajba iżda wara kunsiderazzjoni tax-xogħol neċessarju biex titranġa ma huwiex *feasable* li din it-triq tiġi asfaltata biex tintuża bħala rotta alternattiva.

Seduta 376 24/04/2006

## 140. SANNAT SPECIAL UNIT - PERSUNI B'DIŻABILITA'

Date: 03/04/2006

**18218. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid meta se jsir l-*upgrading* u żvilupp tas-Sannat Special Unit sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita' li jattendu din il-*unit*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nirreferi lill-Onorevoli Nterpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 17716.

Seduta 376 24/04/2006

## 141. GĦAWDEX - SIDIEN TAL-BAQAR

Date: 03/04/2006

**18219. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentiari 13497 dwar skema ta' sussidju temporanja li twaqqfet fl-2001 għall-bhejjem li jinġarru minn Għawdex għal Malta, jista' il-Ministru jgħid għaliex twaqqfet din l-iskema? *Inoltre* jista' jgħid jekk il-gvern hux beħsiebu jerġa' jintroduċi din l-iskema?

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 376 24/04/2006

## 142. TRACK TAL-KORSA TAŻ-ŻWIEMEL

Date: 03/04/2006

**18221. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-ammont mensili li jingħata mill-Ministru għad-*diesel* sabiex it-*track* tal-korsa taż-żwiemel tiġi ppreparata għat-tiġrijiet u peress li d-*diesel* għola u se jkompli jogħla, ma taħsibx il-Ministru allura li l-ammont li jingħata għad-*diesel* għandu jiżdied ukoll?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-allokazzjoni għall-fuel li tingħata lil *Gozo Horse Racing Association* sabiex it-track tal-korsa tiġi ppreparata għat-tiġrijiet żdieded bi 25% biex tkopri ż-żieda fil-prezz tad-*diesel.*

Seduta 376 24/04/2006

## 143. GĦAWDEX - SAN LAWRENZ

Date: 03/04/2006

**18222. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għax-xogħlijiet li qed isiru fit-triq mir-Rabat għal San Lawrenz, tista' il-Ministru tgħid jekk hux minnu li l-mina li tifforma parti mill-akkwadot hijiex se tintmess jew le?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-mina li tifforma parti mill-akkwadot fit-triq bejn ir-Rabat u San Lawrenz ser titħalla fejn hi.

Seduta 376 24/04/2006

## 144. GĦAJNSIELEM - TRIQ BORG GHARIB

Date: 03/04/2006

**18223. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Peress li r-residenti ta' Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Għawdex qed jilmentaw minn nuqqas ta' bozoz fl-imsemmija triq, jista' il-Ministru jara li dan l-inkonvenjent jiġi indirizzat?

**ONOR. AUSTIN GATT:** It-twaħħil ta' bozoz ġodda huwa responsabbilta tal-Kunsill Lokali minħabba li issa dawn ġew devoluti lill-Kunsill Lokali.

Seduta 376 24/04/2006

**145. BIĊĊERIJA TA' GĦAWDEX**

Date: 28/03/2006

**18086. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid fiex waslu x-xogħlijiet fil-biċċerija ta' Għawdex u meta se tibda tiffunzjona biex taqdi l-bżonnijiet ta' l-Għawdxin?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li wara li kienet inħarġet offerta għal xogħolijiet strutturali fil-biċċerija, liema xogħol ġie finalizzat, fil-frattemp kien hemm ghaddej ukoll il-proċess ta' tender għad-'Disinjar, provvista, stallazzjoni, ittestjar u kummissjonar ta' tagħmir għas-slaughtering line u servizzi ancillari fil-Biċċerija Ċivili fix-Xewkija'. Dawn l-offerti bħalissa qegħdin fl-istadju ta' evalwazzjoni. Il-biċċerija tkun tista' tibda tiffunzjona mill-ġdid meta jitlesta x-xogħol ta' din l-offerta li skond l-istess offerta m'għandux ikun aktar minn 183 ġurnata mid-data ta' l-aċċettazzjoni.

Seduta 374 04/04/2006

**146. QRATI - MEDJATURI**

Date: 28/03/2006

**18143. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17980, peress li mit-tabella li tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kamra jirriżulta li f'Għawdex qed ikollna ħames sigħat biss medjazzjoni fil-ġimgħa u peress li hemm bżonn ta' iktar sigħat fil-ġimgħa, jista' il-Viċi Prim Ministru jindirizza din il-problema kemm jista' ikun malajr?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi l-ammont ta' siegħat ta' medjazzjoni fil-ġimgħa iddedikat għall-medjazzjoni f'Għawdex huwa suffiċjenti għan-numru ta' każi li hawn pendenti fi stadju ta' medjazzjoni. Fil-fatt, medjaturi f'Malta li

jaħdmu l-istess numru ta' siegħat bħall-medjatriċi f'Għawdex għandhom l-istess *workload* u qed isibuh suffiċjenti sabiex jespletaw is-seduti li għandhom.

Seduta 374     04/04/2006

## 147. TOBBA

Date: 28/03/2006

**18144. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali (tobba jew ta' professjoni oħra) jaħdmu fid-direttorat responsabbli għall-finanzi u amministrazzjoni politika dwar is-saħħa u ippjanar u riżorsi umani? X'inhi l-kariga ta' kull wieħed u waħda minnhom? Kemm minnhom huma rġiel u kemm huma nisa?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jeżistix Direttorat bit-titolu ndikat fil-Mistoqsija Parlamentari.

Seduta 374     04/04/2006

## 148. NATIONAL DIPLOMA IN HEALTH STUDIES

Date: 28/03/2006

**18145. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17979 li kienet titratta dwar rikonoxximent u mhux rekwiżiti, peress li dawn l-istudenti huma inkwetati dwar x'*job opportunities* jista' ikollhom peress li qed jiġu nfurmati li lokalment il-BTEC National Diploma in Health Studies mhuwiex rikonoxxut, jista' allura l-Ministru jgħid jekk din id-*diploma* hijiex rikonoxxuta jew le u jekk fl-affermattiv, x'*job opportunities* jista' ikollhom dawn l-istudenti?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Peress li t-tagħrif mitlub għadu ma wasallix fl-uffiċju, tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 374     04/04/2006

## 149. KORS B.SC (HONS) NURSING

Date: 29/03/2006

**18150. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid għal liema raġuni l-istudenti tal-B.Sc (Hons) Nursing - intake October 2004 mhux se jingħataw *sponsorships,* u dan minkejja li korsijiet kemm ta' qabel kif ukoll ta' wara qed jingħataw *sponsorship*?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** L-Onor .Interpellant hija żbaljata fil-Mistoqsija l-għaliex filwaqt li hu veru li f'Ottubru 2004 ma ġewx offruti boroż ta' studju għal studenti infermiera, l'anqas is-sena ta' wara ma ngħataw dawn l-*ischolarships* minnħabba bidla fil-*policy*. Id-Diviżjoni tas-Saħħa ma għadhiex toffri paga minima lil dawk l-infermiera li jagħżlu Baċellerat fl-Istudji Infermeristiċi mill-Universita' ta' Malta.

Seduta 374 04/04/2006

## 150. XEWKIJA - SKOLA PRIMARJA

Date: 27/03/2006

**18069. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li l-iskola primarja Rosa Magro fix-Xewkija, Għawdex għandha diversi ħsarat strutturali li jenħtieġu attenzjoni immedjata, liema ħsarat huma ta' periklu għat-tfal u l-ġenituri jinsabu nkwetati ħafna dwar dan u peress li minn informazzjoni li ngħatat fiċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet nhar il-Ġimgħa li għaddiet ġie mħabbar li se jsiru xi xogħlijiet, tista' il-Ministru telenka x-xogħlijiet li se jsiru, tgħid x'*tenders* ingħataw, meta se jinbeda x-xogħol u meta hu previst li jitlesta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ma jirriżultax li hemm ħsarat strutturali li huma ta' periklu għat-tfal.

a) Ix-xogħlijiet ppjanati huma:

i) Qlugħ tad-dawl u installar mill-ġdid kemm tad-dawl kif ukoll ta' dawk is-servizzi msejħin *'low voltage'* u jinkludi wkoll sistema ta' *'fire/smoke detection and alarm', CCTV;*

ii) Tikħil u tibjid ta' kullimkien;

iii) Irranġar tal-ħsara fil-kolonni, liema ħsara fil-preżent ma hijiex ta' natura strutturali u m'hi ta' ebda periklu għal persuni li jiffrekwentaw l-iskola;

iv) Irranġar tal-bjut, inkluż dak tas-sala, tqegħid tal-*'waterproofing membrane'*;

v) Installazzjoni ta' faċilitajiet sanitarji ġodda;

vi) Upgrading komplet tas-sala ta' l-iskola inkluż; dawl u sound;

vii) Aperturi ta' l-aluminium biex jingħalaq il-kurridur t'isfel;

viii) Xogħol biex il-basement jiġi kkonvertit fi kmamar utilizzabli. Dan jinkludi xogħol ta' *'damp proofing'* ukoll.

b) Intbagħtu d-dokumenti tat-tender lid-Dipartiment tal-Kuntratti għal ħafna mix-xogħolijiet imsemmija hawn fuq, liema tender hu stmat li ser jiswa madwar Lm135,000. Għal xogħolijiet oħra li jiswew anqas minn Lm20,000 hu maħsub li jinħarġu tenders Dipartimentali.

c) Hu mistenni li x-xogħol li l-aktar jista' jtellef il-ħidma ta' l-iskola jibda fil-bidu tal-vaganzi tas-sajf. Xogħol li ma jtellifx l-andament tal-iskola jibda kif jiġu aċċettati l-offerti.

d) Hu previst li xogħol jitlesta sa qabel tibda s-sena skolastika l-ġdida.

Seduta 373 03/04/2006

**151. XEWKIJA - MCAST**

Date: 27/03/2006

**18070. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid għaliex l-istipendju li normalment jieħdu l-istudenti li jattendu l-kors ta' l-Electrical Licence A, MCAST Xewkija, Għawdex mhux qed jitħallas? Tista' *in oltre* tgħid meta se jsir il-ħlas dovut lil dawn l-istudenti?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Napprezza jekk l-Onor. Membru separatament tindika d-dettalji (isem u numru tal-karta ta' l-identita') ta' l-istudent konċernat biex nistħarreġ il-kas.

Seduta 373 03/04/2006

**152. BIRKIRKARA - TRIQ L-GĦABEX**

Date: 27/03/2006

**18071. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li Triq il-Għabex f'Birkirkara tinsab fi stat ħażin ħafna tant li r-residenti tat-triq bagħtu *e-mail* lill-Membri Parlamentari u anke bagħtu indirizz ta' *website* fejn wieħed jista' jara d-diżastru li hemm, jista' il-Ministru jara li l-ilmenti ta' dawn ir-residenti jiġu indirizzati minnufih?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** It-tweġiba għal din il-Mistoqsija Parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta 373 03/04/2006

**153. MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - TENDERS**

Date: 27/03/2006

**18072. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm inħarġu u ngħataw *tenders* fl-2005 mill-Ministeru, għal-liema xogħol, min ħa t-*tender*, kemm ġie jiswa x-xogħol u kemm dam biex sar?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni qed tinġabar u għaldaqstant risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta 373 03/04/2006

## 154. MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - DIRECT ORDERS

Date: 27/03/2006

**18073. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm ingħata xogħol b'*direct order* mill-Ministeru fl-2005, għal-liema xogħol, min għamlu, kemm ġie jiswa x-xogħol u kemm dam biex sar?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 373 03/04/2006

## 155. GĦAWDEX - SERVIZZ TA' HELICOPTER

Date: 28/03/2006

**18141. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17984, jista' il-Ministru jgħid meta se jerġa' jibda jopera l-*helicopter*? *In oltre* għal liema raġuni ma ġiex *helicopter* ieħor sabiex isir is-servizz waqt li tkun qed issir il-manutenzjoni?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li s-servizz tal-*helicopter* bejn Malta u Għawdex ġie lura għan-normal fil-31 ta' Marzu.

Seduta 373 03/04/2006

## 156. MCAST - NATIONAL DIPLOMA IN HEALTH STUDIES

Date: 20/03/2006

**17979. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid il-kors B.Tech National Diploma in Health Studies offrut mill-MCAST x'rikonoxximent għandu mill-gvern u mill-Universita' ta' Malta?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-applikanti għad-dħul fil-kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science li għandhom il-BTEC National Diploma in Health

Studies jiġu kkunsidrati li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul fil-kors jekk ikunu għaddew ukoll fil-livell tas-Sec fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża, fil-Matematika u f'suġġett tax-Xjenza.

Seduta 370 27/03/2006

## 157. QRATI - MEDJATURI

Date: 20/03/2006

**17980. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm hemm medjaturi impjegati tal-qorti? Min huma u kemm għandhom sigħat ta' xogħol kull wieħed u waħda minnhom?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi hemm għaxar medjaturi impjegati tal-Qorti li l-ismijiet tagħhom u n-numru ta' siegħat li jaħdmu huwa kif indikat fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 370 27/03/2006

## 158. XEWKIJA - TRIQ TAL-BAQQARI

Date: 20/03/2006

**17981. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Peress li r-residenti ta' Triq tal-Baqqari, Xewkija qed jilmentaw minn problema ta' drenaġġ, speċjalment meta tagħmel ix-xita, jista' il-Ministru jara li dan l-inkonvenjent jiġi indirizzat?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Jiena nfurmat li dan l-inkonvenjent diġa ġie ndirizzat billi l-Korproazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma bidlet il-mains tad-drenaġġ fl-inħawi msemmija.

Seduta 370 27/03/2006

**159. SANNAT - TA' ĊENĊ**

Date: 20/03/2006

**17982. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Peress li għad baqa' inkonvenjent ta' storbju li ġej mill-pompa tal-ġibjun f'Ta' Ċenċ, Sannat, Għawdex, jista' il-Ministru jara li dan l-inkonvenjent jiġi indirizzat?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat gall-PQ 14856.

Jiena nfurmat li l-iżviluppi li ssemmew f'dik it-tweġiba mistennija jseħħu fi żmien qasir.

Infurmat wkoll li l-post mhux fil-viċinanzi ta' l-abitat u l-ilmenti dwar il-ħsejjes saru minn nassaba li jsostnu li l-ħsejjes imsemmija qed igerrxulhom l-għasafar.

Seduta 370 27/03/2006

**160. SAĦĦA PUBBLIKA - IMPJEGATI**

Date: 20/03/2006

**17983. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali (tobba jew ta' professjoni oħra) jaħdmu fid-direttorat responsabbli għas-saħħa pubblika, promozzjoni u informazzjoni dwar is-saħħa? X'inhi l-kariga ta' kull wieħed u waħda minnhom? Kemm minn dawn l-impjegati huma rġiel u kemm huma nisa?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta 370 27/03/2006

## 161. TITJIRIET BEJN MALTA U GĦAWDEX

Date: 20/03/2006

**17984. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid jekk hux minnu li għal din il-ġimgħa mhux se jkun hemm titjiriet bil-*helicopter* bejn Għawdex u Malta u lura? Jista' jgħid x'inhi r-raġuni?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li s-servizz tal-*helicopter* bejn Malta u Għawdex twaqqaf minħabba xogħol ta' manutenzjoni fuqu.

Seduta 370 27/03/2006

## 162. ENEMALTA/WSC

Date: 23.01.2006

**16732. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid jekk l-Enemalta u l-WSC jagħmlux *random inspections* fuq il-ħaddiema? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid kemm saru fl-aħħar tliet xhur? Meta saru u fejn saru?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Il-Korporazzjoni Enemalta tikkonferma li ġieli saru 'random inspections' għal serq ta' l-elettriku u/jew ilma fuq il-ħaddiema tagħha.

Nikkonferma li f'dawn l-aħħar tlett xhur saru żewġ 'random inspections'.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għandha sistema ta' spezzjonijiet fuq bażi regolari. Dawn jintużaw speċjalment fejn hemm pumping stations, booster stations u boreholes. Dawn l-istations jistgħu jkunu awtomatizzati jew għandhom il-ħaddiema ġo fihom. L-ispezzjoni issir kemm sabiex ikun hemm kontroll fuq l-attendenza ta' l-operators kif ukoll biex fejn ma hemmx operators il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma tassigura li kollox qed jaħdem sew.

Fl-aħħar tlett xhur dawn l-ispezzjonijiet baqgħu isiru regolarment. Ma nħossx li għandi nagħti dettalji ta' fejn saru dawn l-ispezzjonijiet.

Seduta 369 22/03/2006

## 163. IMĠARR, GĦAWDEX - OPRI TAL-BAĦAR

Date: 14/03/2006

**17893. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-opri tal-baħar li qabel ma saret il-marina fl-Imġarr, Għawdex kellhom irmiġġijiet fil-port u li mbagħad meta saret il-marina is-sajjieda ġew mogħtija *pontoos* bi prezz sussidjat, jista' il-Ministru jgħid jekk f'każ li l-istess marina tgħaddi f'idejn il-privat jew isir xi arranġament ieħor, x'garanzija se jkollhom dawn is-sajjieda u sidien oħra li l-prezzijiet li qed iħallsu bħalissa se jibqgħu l-istess?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li għadu kmieni sabiex wieħed jgħid x'kundizzjonijiet hemm ta' kif ser tiġi privatiżżata l-marina ta' Għawdex jew xi marina oħra. Madanakollu, kif ġara s'issa fi proġetti simili dejjem ittieħdu l-kunsiderazzjonijiet kollha taċ-ċirkostanzi tas-sajjieda u dilettanti tal-lokal, li kellhom drittijiet ta' rmiġġi.

Seduta 367 20/03/2006

## 164. GĦAWDEX - DISKOTEKI

Date: 14/03/2006

**17895. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u Kultura: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17638, li kienet saret lill-Ministru tal-Ġustizzja u Intern, jista' il-Ministru jgħid kemm ingħataw permessi għal diskoteki ġewwa Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn? Jista' jindika lil min ingħataw u d-data? Jista' jgħid x'kundizzjonijiet ġew imposti?

**ONOR. FRANCIS ZAMMIT DIMECH:** Ninsab infurmat li f'dawn l-aħħar sentejn ma nħarġux liċenzi ġodda għal diskoteki f'Għawdex.

Seduta 367 20/03/2006

**165. GĦAWDEX - DISKOTEKI**

Date: 07/03/2006

**17638. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm ingħataw permessi għal diskoteki ġewwa Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn? Jista' jindika lil min ingħataw u d-data? Jista' jgħid x'kundizzjonijiet ġew imposti?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi l-liċenzji tan-negozju imsemmija, m'għadhomx jinħarġu mill-Pulizija. Għaldaqstant, ġentilment nissuġerixxi lill-Onorevoli Interpellant jagħmel din il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 364 13/03/2006

**166. GĦAWDEX - PORT TA' L-IMĠARR**

Date: 06/03/2006

**17639. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-offerta għal servizz ta' bini - fażi 2 għall-bini tat-*terminal* il-ġdid/*carpark* fil-port ta' l-Imġarr, Għawdex li deher l-avviż tagħha fil-gazzetta tal-gvern 17,887 tat-3 ta' Marzu 2006, paġna 2237, peress illi f'diversi okkażjonijiet il-gvern ta dikjarazzjonijiet ta' kemm se jiġi jiswa l-proġett, jista' il-Ministru jgħid jekk ix-xogħlijiet imsemmija fl-offerta humiex inklużi fl-ammont kif dikjarat mill-gvern jew jekk din hijiex separata?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li l-ispiża tax-xogħlijiet għat-*tender* imsemmija hija nkluża fl-ammont totali għal dan il-proġett.

Seduta 364 13/03/2006

**167. GĦAWDEX - TOROQ**

Date: 06/03/2006

**17640. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid fejn sar xogħol ta' *patching* fit-toroq f'Għawdex mill-ewwel ta' Jannar 2006 u tindika meta saru dawn ix-xogħlijiet?

**ONOR GIOVANNA DEBONO:** Mill-ewwel ta’ Jannar sal-lum sar xogħol ta’ *patching* mill-ħaddiema tad-dipartiment għal proġetti u żvilupp kif jidher mill-iskeda li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta 364 13/03/2006

**168. DFIN TA' FETI**

Date: 07/03/2006

**17736. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17542, jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid f'liema ċirkostanzi joħroġ il-permess ta' dfin ta' feti mill-pulizija msemmi fil-mistoqsija msemmija?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi l-permess tad-dfin, ai termini ta' l-artikolu 141 tal-Kapitolu 10, jinħareġ mill-Pulizija wara li jkun ippreżentat iċ-ċertifikat tal-mewt maħruġ minn tabib. F'każ li l-mewt tkun suġġett ta' Inkjesta Maġisterjali, ikun ukoll meħtieġ li jkun hemm l-awtorizazzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti.

Seduta 364 13/03/2006

**169. GĦAWDEX - VILLA RUNDLE**

Date: 07/03/2006

**17739. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17522 u r-risposta relattiva, peress li skond dik ir-risposta l-kuntratt imsemmi ġie ffirmat fis-7 ta' Frar 2006 u peress li l-kmamar/garaxxijiet imsemmija twaqqgħu ħafna qabel dik id-data, jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid jekk il-gvern tax l-approvazzjoni tiegħu minn qabel u jekk il-parti ta' l-iżvilupp li tolqot dawn il-garaxxijiet kenux koperti bil-permess tal-MEPA?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi t-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern ma tat l-ebda permess sabiex il-garaxxijiet jitwaqqaw qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt.

Infurmat ukoll li l-parti ta' l-iżvilupp li tolqot dawn il-garaxxijiet kif ukoll il-garaxxijiet li jridu jinbnew fix-Xewkija bħala alternattiva, huma koperti bil-permessi tal-MEPA (PA5117/04 u PA5626/04).

Seduta 364 13/03/2006

## 170. RABAT, GĦAWDEX - VILLA RUNDLE

Date: 07/03/2006

**17744. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 17522, peress li parti mid-domanda kienet tikkonċerna dwar il-*ground* tal-*football* u li ma ġietx risposta jew imsemmija fir-risposta, jista' allura il-Viċi Prim Ministru jirrispondiha?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi sa issa t-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern ma tat l-ebda permess sabiex isiru xogħlijiet fil-*ground* tal-*football*, pero' hemm talba lill-MEPA ħalli issir *shifting* tal-*football ground* u l-gvern ma oġġezzjonax għaliha.

Seduta 364 13/03/2006

## 171. GĦAWDEX - DFIN FIĊ-ĊIMITERJI

Date: 28/02/2006

**17568. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid f'Għawdex jekk hemmx xi persuna responsabbli li tara li d-dfin fiċ-ċimiterji jsiru skond il-liġi?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-Awtorita' tas-Saħħa hija responsabbli li d-dfin fiċ-ċimiterji f'Malta u f'Għawdex jsir skond il-liġijiet/ir-regolamenti eżistenti. F'Għawdex din ir-responsabbilta taqa' taħt is-sezzjoni tal-Ispettorat tas-Saħħa fid-Dipartiment tal-Customer Services, Ministeru għal Għawdex. Il-Pulizija hija responsabbli għall-ħruġ tal-permessi ta' dfin.

Rigward ċimiterji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet ekklezjastiċi, l-inkarigu jaqgħa fuq l-amministrazzjoni tal-paroċċa fejn hu lokat iċ-ċimiterju, iżda ma dan kollu dawn xorta waħda huma teznuti li josservaw il-liġijiet u r-regolamenti u dan mingħajr ebda pregudizzju għal kull azzjoni li tista' tittieħed mill-Awtorita tas-Saħħa fin-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-liġijiet u regolamenti.

Seduta 362

**172. GĦAWDEX - VILLA RUNDLE**

Date: 27/02/2006

**17522. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid jekk huwiex minnu li parti minn Villa Rundle ġewwa r-Rabat, Għawdex, kif ukoll l-art li fuqha kienu mibnija l-garaxxijiet tad-dipartiment ta' l-agrikoltura, ġietx trasferita lill-privat jew intlaħaqx xi tip ta' ftehim ieħor?

Jekk fl-affermattiv, jista' jagħti d-dettalji relattivi? In oltre, jista' jgħid jekk il-*ground* tal-*football* Leli Farrugia fir-Rabat, Għawdex huwiex inkluż ukoll?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi ebda parti mill-ġnien magħruf bħala *Villa Rundle* ġewwa r-Rabat, Għawdex ma ġie trasferit. L-imħażen/garaxxijiet li hemm wara l-art fejn qabel kien hemm id-*Duke of Edinburgh Hotel* ġew mibjugħa wara sejħa għal offerti li ġiet ippubblikata fl-4 ta' Novembru 2005 permezz ta' l-Avviż Nru. 213.

Il-kuntratt tal-bejgħ ġie iffirmat fis-7 ta' Frar 2006. Skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt, il-kompratur huwa obbligat li fi żmien għoxrin ġimgħa jibni a spejjeż tiegħu numru ta' mħażen/garaxxijiet f'sit fix-Xewkija skond kif ġie appruvat mill-M.E.P.A u jgħaddi dawn l-imħażen/garaxxijiet lill-gvern malli jkunu lesti.

Seduta 361 06/03/2006

## 173. ĠARR TA' PAZJENTI BEJN GĦAWDEX U MALTA

Date: 27/02/2006

**17523. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm jiġi jiswa kull traġett ta' pazjent bil-*helicopter* mill-isptar ġenerali ta' Għawdex għal St Luke's? Tista' in oltre tgħid kemm inġarru pazjenti bil-*helicopter* bejn Għawdex u Malta matul is-snin 2004 u 2005?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-isptar Ġenerali t'Għawdex m'għandux dettalji dwar kemm jiġi jiswa kull traġitt ta' pazjent bil-*helicopter* peress li dan is-servizz jingħata mingħajr ħlas.

Fis-snin 2004 u 2005 inġarru 17 u 14-il pazjent bil-*helicopter* rispettivament.

Seduta 361 06/03/2006

## 174. GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI

Date: 27/02/2006

**17524. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm saru operazzjonijiet fl-isptar ġenerali ta' Għawdex fis-snin 2004 u 2005, kull xahar separatament? Tista' tgħid kemm-il darba ġie anestitista minn Malta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li n-numru ta' operazzjonijiet fl-isptar ġenerali t'Għawdex fis-snin 2004 u 2005 kull xahar separatament, huwa kif muri fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-mejda tal-kamra.

Irrid ngħid li anestitisti kellna 2 kuljum.

Seduta 361 06/03/2006

## 175. GĦAWDEX - ESPROPRIAZZJONI TA' L-ART

Date: 27/02/2006

**17525. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid x'art ġiet

espropriata mingħand il-privat fl-2005 f'Għawdex? Jista' jgħid id-data tal-pubblikazzjoni, fejn u jekk il-kumpens tħallasx?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi fl-2005 l-espropriji ġodda ta' art f'Għawdex kienu kif ġej:

- Art ta' kejl ta' 1,166 metri kwadri f'Għajnsielem esproprijata permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' l-10 ta' Marzu 2005, Avviż Nru. 251.

- Art ta' kejl ta' 1,470 metri kwadri li tinkludi fuqha l-Fortizza ta' Sant'Antnin fil-Qala esproprijata permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President tas-27 ta' April 2005, Avviż Nru. 433.

- Tliet biċċiet art ta' kejl ta' 124 metri kwadri, 136 metri kwadri u 54 metri kwadri fix-Xewkija esproprijati permezz ta' Dikjarazzjonijiet tal-President tas-7 ta' Novembru 2005, Avviżi Nru. 1104, 1105 u 1106 rispettivament.

Il-kumpens dovut huwa depożitat f'*bank accounts* separati, skond il-provvedimenti ta' l-Ordinanza dwar Akkwist ta' Artijiet (Kap 88) sakemm jiġi aċċertat min huma s-sidien tal-proprjeta' u jkun jista' jsir il-ħlas. Sa issa ħadd mis-sidien għadu ma tħallas il-kumpens dovut lilu.

Seduta 361 06/03/2006

**176. DFIN TA' FETI**

Date: 28/02/2006

**17542. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid x'inhi l-*policy* tal-gvern dwar id-dfin ta' feti f'każi ta' meta jkun hemm *miscarriage* u jsir l-EPRC l-isptar?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sakemm il-fetu jkun kopert b'permess ta' dfin li joħroġ mill-Pulizija, d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika ma jsib ebda oġġezzjoni għal tali dfin.

Seduta 361 06/03/2006

## 177. ĦADDIEMA FIS-SERVIZZ ĊIVILI - SPONSORSHIPS

Date: 28/02/2006

**17566. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi: Jista' il-Prim Ministru jgħid kemm impjegati tal-gvern ingħataw *sponsorship* mill-gvern biex ikomplu l-istudji f'MBA jew M.Sc fl-aħħar ħames snin fl-Universita' kemm f'Malta kif ukoll barra?

Jista' jgħid il-grad u l-kwalifiki ta' dawk li ġew sponsorjati kif ukoll f'liema dipartiment jew ministeru kienu jaħdmu?

*In oltre*, jista' jiġi speċifikat f'liema *areas* ta' studji ingħataw dawn il-boroż ta' studju u f'liema pajjiż u universita' marru jistudjaw dawk li ħadu l-boroż ta' studju barra minn Malta?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qiegħed inpoggi fuq il-Mejda tal-Kamra it-tweġiba għal mistoqsija parlamentari numru 17566.

Seduta 361 06/03/2006

## 178. SPTAR ĠENERALI - XOGĦOL TA' REFURBISHMENT

**17439. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm sewa x-xogħol ta' *refurbishment* fis-sala tal-maternita'/ġinekoloġija ta' l-isptar ġenerali ta' Għawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO: Maternity Projects Costings**

| | |
|---|---|
| Removal of asbestos soffit | 19856 |
| Installation of new soffit | 3231 |
| Nurse call | 3507 |
| Fire Alarm | 830 |
| Structural alterations | 8225.5 |
| Medical gases | 6500 |
| Entonox | 3226 |
| Vinyl | 17121 |
| A/C | 1240 |
| Aluminium works | 2000 |

| | |
|---|---|
| Tiling | 500 |
| Replacement of hot and cold water system | 3800 |
| Electrical | 2000 |
| Bedhead trunking | 6500 |
| Luminaries | 2200 |
| Sanitaryware | 1230 |
| Soffit | 800 |
| **Total** | **82766.5** |

Seduta 358 27/02/2006

**179. SPTAR ĠENERALI - ULTRA SOUND MACHINE**

**17440. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li l-apparat ta' l-*ultra sound* fis-sala tal-maternita' ġiet *obsolete* u ma ġietx mibdula, tista' il-Ministru tgħid meta se tinxtara makna ġdida biex taqdi l-esiġenzi?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-esiġenzi tal-pazjenti tal-maternita huma milħuqa. L-ultrasound kollha li jkun hemm bżonn fuq pazjenti tal-maternita jittieħdu fuq l-ultrasound machine li hemm fid-dipartiment tar-radjoloġija.

Seduta 358 27/02/2006

**180. SERVIZZ BEJN GĦAWDEX U KEMMUNA**

**16222. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: B'riferenza għat-trasport li kien isir bejn Għawdex u Kemmuna bil-lanċa għall-qassis u l-pulizija skond ftehim milħuq bejn il-Gozo Channel u l-operatur, jista' il-Ministru jgħid jekk dan is-servizz hux ser ikompli jingħata?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Jien infurmat li s-servizz bil-lanċa bejn Kemmuna u Għawdex għall-pulizija u l-qassis tkompla mill-24 ta' Diċembru 2005.

Seduta 355 20/02/2006

**181. GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI**

**16727. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm jaħdmu nies fl-isptar ġenerali ta' Għawdex, xi grad għandhom u f'liema dipartiment u/jew taqsima qegħdin?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li n-numru ta' nies li jaħdmu fl-isptar ġenerali ta' Għawdex huwa ta' 686. Il-grad li għandhom, id-dipartimenti u t-taqsimiet li qegħdin fihom huwa kif muri fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-mejda tal-kamra.

Seduta 346 30/01/2006

**182. GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI**

**16730. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tara li x-xogħlijiet ta' *maintenance* li hemm bżonn fil-*long stay ward* fis-sezzjoni mentali fl-isptar ġenerali ta' Għawdex isiru minnufih? Tista' tara wkoll li jiġu fornuti siġġijiet peress li m'hemmx biżżejjed biex jakkomodaw lill-pazjenti u l-i*staff*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ix-xogħjijiet ta' manutenzjoni f'dak li huwa ta' madum ġewwa l-*Long Stay Ward* beda xi ftit ġranet ilu u sal lum għadu għaddej. Mistenni jitlesta fil-futur qarib.

Fir-rigward ta' siġġijiet f'din il-ward, ġejt infurmata li f'kull ħin hemm aktar minn biżżejjed peress li hemm 38 pazjent u 55 siġġu.

Seduta 346 30/01/2006

**183. ENEMALTA/WSC**

**16732. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jgħid jekk l-Enemalta

u l-WSC jagħmlux *random inspections* fuq il-ħaddiema? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid kemm saru fl-aħħar tliet xhur? Meta saru u fejn saru?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 346 30/01/2006

## 184. LIĠI DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA

**16779. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Familja u tas-Solidarjeta' Soċjali: Peress li l-liġi dwar il-vjolenza domestika ser tidħol fis-seħħ dalwaqt, tista' il-Ministru tgħid x'miżuri qed jittieħdu sabiex f'Għawdex jiżdiedu l-istrutturi u jissaħħu dawk eżistenti sabiex din il-liġi tkun iktar effettwata?

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** L-Att dwar il-Vjolenza Domestika jipprovdi għat-twaqqif ta' Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika li, fost affarijiet oħra, se jkollha l-funzjoni li tagħtini pariri dwar:

- *standards* għal faċilitajiet ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;
- il-proċeduri għall-ko-ordinament effettiv f'livell nazzjonali ta' l-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi ta' sostenn;
- l-iżvilupp ta' pjan komprensiv għal programm multidixxiplinarju ta' prevenzjoni attiva u ta' intervent kmieni.

A bażi ta' dawn il-pariri jittieħdu dawk il-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-imsemmija liġi, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Seduta 346 30/01/2006

## 185. TRASPORT TA' BAQAR BEJN MALTA U GĦAWDEX

**16518. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm jingħata sussidju għal kull ras għat-trasport tal-baqar minn Għawdex għall-biċċerija ta' Malta?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li ma hemmx sussidju għat-trasport għal kull ras ta' bhejjem taċ-ċanga minn Għawdex, għall-biċċerija ta' Malta.

Seduta 340 16/01/2006

## 186. RABAT GĦAWDEX - MONUMENT

**16519. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid għal liema raġuni ma ġewx miżjuda l-ismijiet tal-vittmi tal-gwerra fuq il-monument ta' Kristu Re fi Pjazza Indipendenza fir-Rabat, Għawdex meta l-istess monument ġie restawrat, u tenut kont li l-ismijiet in kwestjoni ġew debitament mogħtija?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta mogħtija fis-Seduta 336 għall-mistoqsija Numru 16199. L-ismijiet għadhom ma ġewx imwaħħla peress li l-persuna li ser twaħħalhom kienet impenjata fuq xogħlijiet aktar urġenti ta' restawr.

Seduta 340 16/01/2006

## 187. ĠGANTIJA - FOSSA

**16520. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-fossa li saret biswit il-Ġgantija, peress li qed jinħoloq inkonvenjent minħabba irwejjaħ u anke ħmiġijiet, tista' il-Ministru tara li dan l-inkonvenjent jiġi rimedjat?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li minn spezzjonijiet li saru minn uffiċjali fi ħdan l-Uffiċċju tas-Saħħa Pubblika ma rriżultax li kien hemm irwejjaħ, ħmieġ jew fawran ta' materjal mill-fossa in kwestjoni li qegħdin jikkawżaw xi inkonvenjent.

Seduta 340 16/01/2006

**188. INGAĠĠ TA' NURSES**

**16305. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid jekk hux se jiġu ngaġġati *nurses* u jekk fl-affermattiv meta u kemm hemm bżonn?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' ngaġġa fuq bażi permanenti, nhar is-26 ta' Diċembru 2005, 159 infermier, li minnhom kien hemm numru ta' infermiera każwali li diġa kienu qegħdin jaħdmu.

Kwalunkwe ngaġġ li jsir fil-futur jiġi determinat minn numru ta' vakanzi li jkun hemm minn żmien għal żmien.

Seduta 337 09/01/2006

**189. SERVIZZ BEJN GĦAWDEX U KEMMUNA**

**16222. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: B'riferenza għat-trasport li kien isir bejn Għawdex u Kemmuna bil-lanċa għall-qassis u l-pulizija skond ftehim milħuq bejn il-Gozo Channel u l-operatur, jista' il-Ministru jgħid jekk dan is-servizz hux ser ikompli jingħata?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 336 12/12/2005

**190. LIBRERIJI ON LINE**

**16223. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid kemm-il librerija ġew *on line* u f'liema lokalita' jinsabu?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li n-numru ta' libreriji li sal-lum huma *on line* huwa ta'33.

Informat li l-libreriji jinsabu f'dawn il-lokalitajiet:

Il-Biblijoteka Nazzjonali

Il-Librerija Pubblika Ċentrali, Floriana

Il-Librerija Pubblika u dik ta' self ta' kotba ta' Għawdex

Il-Librerija Reġjonali ta' Birkirkara, Luqa, Mosta, Paola u Qormi (San Bastjan),

Il-Libreriji Friegħi ta': Birżebbuġa, Siġġiewi, Żebbuġ (Malta), Żejtun,Żurrieq, Mellieħa, San Ġwann, Naxxar, Bormla, Msida, Ħamrun, Żabbar, Sliema, Għargħur, San Pawl il-Baħar, Mġarr (Malta), Gżira, Qormi (San Ġorġ), Għaxaq, Gudja, Mqabba, Attard, Dingli u Nadur, (Għawdex).

Seduta 336 12/12/2005

**191. GĦAWDEX - UFFIĊJAL REVIŻUR**

**16237. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Peress li f'Għawdex m'għandniex uffiċjal reviżur li jaqdi dawk il-funzjonijiet rikjesti fil-liġi u allura dan qed joħloq ċertu inkonvenjent, jista' il-Viċi Prim Ministru jara jekk din is-sitwazzjoni tistax tiġi rimedjata?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 336 12/12/2005

**192. ADT - POST TA' MANAGER GOZO**

**15558. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 15208, jista' il-Ministru jgħid x'inhuma r-rekwiżiti u kwalifiki meħtieġa għal din il-pożizzjoni?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li r–rekwiżiti u kwalifiki meħtieġa għal din il-posizzjoni msemmija huma :-

- tlett snin esperjenza fil-qasam tal- *middle management*

- litterat fit-teknologija tal-informatika

- kommunikazzjoni tajba kemm bil-miktub kif ukoll bil-kelma

- ħiliet ġenerali ta' tmexxija

Seduta 321 14/11/2005

**193. ART ĦDEJN IL-ĠGANTIJA**

**15591. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-mistoqsijiet parlamentari 15324 u 15454 li saru lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Viċi Prim Ministru li rriferew id-domanda lill-Ministru konċernat, dwar porzjon raba' li tinsab ħdejn il-Ġgantija u li xi żmien ilu kienet intiża biex issir parkeġġ għall-*coaches* tat-turisti, u peress li din l-istess art tħammlet mill-kunsill lokali tax-Xagħra u anke ġiet ċirkondata b'ħajt tas-sejjieħ, tista' il-Ministru tgħid din l-art għaliex ser tintuża u meta se tibda tintuża?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-art imsemmija fil-mistoqsija kienet mimlija terrapien u skart ieħor u wara li din l-art tnaddfet mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra reġa nbena l-ħajt li kien idawwara.

Seduta 321 14/11/2005

**194. RABA' ĦDEJN IL-ĠGANTIJA**

**15454. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 15324 dwar porzjon raba' li tinsab ħdejn il-Ġgantija u li xi żmien ilu kienet intiża biex issir parkeġġ għall-*coaches* tat-turisti u peress li din l-istess art tħammlet mill-kunsill lokali tax-Xagħra u anke ġiet ċirkondata b'ħajt tas-sejjieħ, jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid din l-art għaliex se tintuża u meta se tibda tintuża?

**ONOR. TONIO BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellanti tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta 317 10/11/2005

**195. KERĊEM - TRIQ CALLEJA**

**15481. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 15322, peress li Triq Calleja f'Kerċem, Għawdex hija perikolża ħafna u anke seħħew inċidenti fatali fiha, u peress li saru talbiet mir-residenti Kerċemin biex din it-triq titwessa, jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid x'passi ħa l-ministeru biex din il-problema tiġi rimedjata u jitneħħa l-periklu?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanti li t-twessiegħ tat-toroq f'Għawdex ma jaqax taħt ir-responsabbilita' tal-Ministeru tiegħi.

Seduta 317 10/11/2005

**196. TENDER**

**15493. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita': Jista' il-Ministru jgħid fiex waslet it-*tender* li l-partikolaritajiet dwarha qed jintbagħtu separatament?

**ONOR. LOUIS DEGUARA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dawl tas-sistema tal-*catering* li hi proposta li ħa tiġi introdotta fl-Isptarijiet Governattivi, imsemmija Tender ġiet miżmuma.

Seduta 317 10/11/2005

**197. ADT - POST TA' MANAGER GOZO**

**15208. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14955, jista' il-Ministru jgħid jekk l-*interviews* sarux lill-applikanti kollha u jgħid meta saru u minn min? *Inoltre,* peress li l-post għadu vakanti, jista' jgħid x'passi qed jittieħdu biex jimtela' l-post?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li wara li sar *short listing* sar *interview* wieħed, dan sar fit-13 t'Ottubru, 2005. L-*interviewing board* kien magħmul mic-*Chief Executive Officer* u mill-*Human Resources Manager* ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport.

Peress li l-post għadu vakanti l-Awtorita' għamlet talba lill-ETC biex tibda il proċess tagħha wara li ma nstab ħadd addattat għal posizzjoni msemmija.

Seduta 315 09/11/2005

**198. NADUR, GĦAWDEX - PROBLEMA TAD-DRENAĠĠ**

**15398. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14697 li saret fl-4/10/05 u li għaliha l-Ministru rrisponda li risposta tingħata f'seduta oħra, jista' il-Ministru ġentilment jirrispondi d-domanda u *cioe'* peress li fi Triq Qala, fin-Nadur Għawdex diversi residenti lmentaw minħabba problemi tad-drenaġġ, peress li minħabba l-ilma tax-xita d-drenaġġ sbroffa u anke daħal fid-djar tar-residenti ta' l-istess triq, jista' il-Ministru jara li din il-problema tingħata attenzjoni minnufih?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Jiena nfurmat li s-sistema tad-drenaġġ f'din it-triq tiffunzjona sewwa sakemm tintuża biss biex tirċievi drenaġġ domestiku. Biex tinżamm fi stat tajjeb, is-sistema titnaddaf almenu darba fis-sena.

Il-problem li semmiet l-Onor. Interpellant tinqala' f'każ ta xita għaliex il-katusi ta' l-ilma tal-btieħi u bjut ta' ħafna djar huma mqabbda illegalment mas-sistema tad-drenaġġ. Matul l-aħħar xita qawwija, ġewwa Għawdex, kien hemm ħafna każijiet simili f'kull raħal, irrespittivament mill-kundizzjoni tal-katusi tad-drenaġġ, propju minħabba l-abbuż imsemmi.

Qiegħed għalhekk nifhem illi l-Onor. Interpellanta tixtieq illi l-WSC tieħu azzjoni mmedjata biex tneħħi dan l-istat ta' illegalita' u sejjer hekk ninforma lill-WSC.

Seduta 314 08/11/2005

**199. UNIVERSITA' TA' GĦAWDEX**

**15321. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-erba' korsijiet ġodda li ser isiru fiċ-ċentru ta' l-Universita' ta' Għawdex li dwarhom tqassmu l-fuljetti fid-djar u li huma bl-Ingliż u b'riferenza għal *admission requirements* senjalment għall-applikanti mingħajr ċertifikati, tista' il-Ministru tgħid x'ser ikunu l-kriterji ta' l-għażla mill-*board of studies* biex l-applikanti jkunu jistgħu jidħlu għall-kors, minkejja li ma jkollhomx *O level standard of education*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li dawk l-applikanti li ma jkollhomx ċertifikati formali ta' "O" levels ser isirilhom interview mill-Board of Studies tal-kors u jiġu mitluba jiktbu kompożizzjoni qasira, taħt kundizzjonijiet ta' eżami, fuq suġġett magħżul mill-Board, biex jiġi stabbilit jekk dawn l-applikanti humiex kapaċi biżżejjed biex ikun jistgħu jipparteċipaw fil-korsijiet bi gwadann għalihom.

Seduta 313 07/11/2005

## 200. KERĊEM - TRIQ CALLEJA

**15322. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li Triq Calleja f'Kerċem Għawdex hija perikoluża ħafna u anke seħħew inċidenti fatali fiha u peress li saru talbiet mir-residenti Kerċemin biex din it-triq titwessa', tista' il-Ministru tgħid x'passi ħa l-ministeru biex din il-problema tiġi rimedjata u jitneħħa l-periklu?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li t-triq imsemmija hija responsabbilta' tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem Ghalhekk nitlob lill Onorevoli Nterpellant jirreferi l-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 313 07/11/2005

## 201. QALA GĦAWDEX - TRIQ IMĠARR

**15323. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Peress li diversi residenti fi Triq Imġarr, Qala, Għawdex huma mħassbin dwar il-vetturi li jgħaddu b'veloċita' qawwija mill-imsemmija triq, jista' il-Ministru jgħid jekk qattx saret xi talba jew ġiet ikkunsidrata l-possibbilta' li ssir xi ħaġa dwar din il-problema?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li minn riċerka li saret fir-*records* tat-*Traffic Management Unit* irriżulta li l-Kunsill Lokali tal-Qala kien issottometta proposti għal sistema ta' o*ne way* fil-pjazza tal-knisja u fit-toroq tal-madwar.

M'hemm l-ebda proposti għal sistemi ta' *traffic calming* fi Triq Imġarr.

Seduta 313 07/11/2005

## 202. RABA' ĦDEJN IL-ĠGANTIJA

**15324. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u Kultura: B'riferenza għal porzjon raba' li tinsab ħdejn il-Ġgantija, u li xi żmien ilu kienet intiża biex issir parkeġġ għall-*coaches* tat-turisti, u peress li din l-istess art tħammlet mill-kunsill lokali tax-Xagħra u anke ġiet ċirkondata b'ħajt tas-sejjieħ, jista' il-Ministru jgħid din l-art għalxiex ser tintuża u meta se tibda tintuża?

**ONOR. FRANCIS ZAMMIT DIMECH:** Nitlob lill-Onor Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru konċernat.

Seduta 313 07/11/2005

## 203. SPONSORSHIPS GĦAL KORSIJIET TAL-MASTERS

**15386. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għaċ-ċirkolari MG84/2005 dwar *sponsorships* għall-korsijiet tal-masters, tista' il-Ministru tgħid kemm applikaw u x'kien il-*grade* u l-*posting* ta' kull applikant? Tista' *in oltre* tgħid kemm ġew sponsorjati u x'kien il-*grade* u l-*posting* ta' dawk magħżula?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li tliet uffiċċjali applikaw għaċ-ċirkulari MG 84/2005 dwar *sponsorships* għall-Kors tal-Masters fl-Ekonomija. Il-grad u l-posting tagħhom huma kif murija hawn taħt:

| **Grade** | **Posting** |
|---|---|
| Principal | Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp – Head Office |
| Instructor | Dipartiment tal-Customer Services – Taqsima ta' l-Edukazzjoni |
| Principal | Segretarjat Permanenti |

Sal-lum ħadd minn dawn għadu ma ġie sponsorjat.

Seduta 313 07/11/2005

**204. GĦAWDEX - COMMUTED PARKING SCHEME**

**15397. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14408 li saret fis-26/09/05 u li għaliha l-Minsitru qal li tweġiba tingħata f'seduta oħra, jista' il-Ministru ġentilment iwieġeb id-domanda u jgħid kemm kien l-ammont ta' kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' *commuted parking* imħallsa mill-applikanti Għawdxin f'dawn l-aħħar sentejn, separatament, għal kull raħal f'Għawdex?

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Ninsab infurmat li l-ammont ta' kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-*commuted parking* fil-Belt Victoria, Għawdex miġbura f'dawn l-aħħar sentejn huwa ta' Lm77,700. B'kollox il-kontribuzzjonijiet għall-*commuted parking* fil-Belt Victoria miġbura matul l-operat ta' l-iskema jammontaw għal Lm131,700.

Seduta 313 07/11/2005

**205. SKEMA TEES**

**15241. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid kemm Għawdxin applikaw għall-iskema TEES, jindika l-eta', is-sess u n-natura ta' l-impjieg li sabu l-applikanti?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Peress li t-tagħrif mitlub għadu ma wasallix fl-uffiċju, tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 311 01/11/2005

**206. MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - THE GRADUATES SCHEME**

**15243. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-iskema The Graduates Scheme imnedija mill-Ministeru għal Għawdex iktar kmieni din is-sena, tista' il-Ministru tgħid kemm ibbenefikaw u/jew użaw din l-iskema kull xahar separatament u tindika s-settur u l-eta' u s-sess ta' l-applikanti u kemm minnhom għadhom fl-iskema?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li hemm seba' (7) gradwati li qed jibbenefikaw minn din l-iskema kif turi t-tabella hawn taħt. Dawn kollha għadhom fl-iskema.

| Gradwat/a | Data ta' l-ingaġġ | Sess | Eta | Settur |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 16.05.05 | Mara | 23 | *Financial* |
| 2 | 16.05.05 | Raġel | 22 | *Financial* |
| 3 | 16.05.05 | Raġel | 22 | *Hospitality* |
| 4 | 16.05.05 | Raġel | 22 | *Manufacturing* |
| 5 | 16.05.05 | Raġel | 25 | *Legal* |
| 6 | 01.09.05 | Mara | 24 | *Financial* |
| 7 | 31.10.05 | Raġel | 22 | *Auto & Insurance* |

Seduta 311 01/11/2005

**207. XAGĦRA GĦAWDEX - STUDENTI TAL-MCAST**

**15141. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Peress li l-istudenti ta' l-ewwel sena Financial Services tal-MCAST fix-Xagħra, Għawdex għadhom mingħajr għalliema ta' l-Ingliż u Pure Maths, jista' il-Ministru jara li din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Iva, qed jittieħdu l-passi biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata.

Seduta 310 31/10/2005

**208. RABAT, GĦAWDEX - TISWIJA TA' TRIQ**

**15142. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li t-triq li tagħti mill-bieb ta' Villa Rundle għall-*bus terminus* fir-Rabat, Għawdex qiegħda fi stat ħażin ħafna, tista' il-Ministru tara li tiġi rranġata?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-manutenzjoni tat-triq imsemmija hija responsabbilta' tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Ghalhekk nitlob lill-Onorevoli Nterpellant jirreferi l-Mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 310 31/10/2005

## 209. ADT - POST TA' MANAGER GOZO

**15208. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14955, jista' il-Ministru jgħid jekk l-*interviews* sarux lill-applikanti kollha u jgħid meta saru u minn min? *Inoltre,* peress li l-post għadu vakanti, jista' jgħid x'passi qed jittieħdu biex jimtela' l-post?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** L-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Interpellant tingħata f'seduta oħra.

Seduta 310 31/10/2005

## 210. UFFIĊĊJU KONĠUNT - KAŻ DWAR KUNTRATT

**15209. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Peress li l-persuna li dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ilha tistenna 11-il sena biex isir il-kuntratt ma' l-Uffiċċju Konġunt, jista' il-Viċi Prim Ministru jara li l-problema ta' din il-persuna tiġi solvuta?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat li l-emfitewta applika biex jifdi ċ-ċens perpetwu rivedibbli fit-12 ta' Mejju 2003 u mhux ħdax-il sena ilu kif allegat mill-Onor. Interpellant u li l-Uffiċċju Konġunt wasal fi stadju avvanzat fil-verifikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-proprjeta' in kwistjoni. Wara dan il-proċess, id-Dipartiment ikun jista' jipproċedi bil-fidi.

Seduta 310 31/10/2005

## 211. UNJONI EWROPEA - YOUTH PROGRAMM

**15233. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid kemm-il għaqda jew istituzzjoni applikaw din is-sena biex jieħdu għajnuna mill-*youth programme* ta' l-Unjoni Ewropea u min kienu? Jista' jgħid fuq liema kriterji ġew aċċettati t-talbiet u kemm kien is-sussidju li kull wieħed ħa?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li t-tagħrif li qed jiġi mogħti huwa sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet ta'Settembru 2005. It-total ta' għaqdiet li issottomettew applikazzjoni sa din id-data kien ta' 61.

Minn dawn kien hemm għaqdiet li applikaw aktar minn darba waħda jew taħt azzjoni differenti, jew inkella reġġħu applikaw wara li l-ewwel darba l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata. F'dan il-każ l-għaqda intgħaddet darba biss.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati skond il-linji gwida u l-kriterji stipulati mill-Kummissjoni Ewropeja li jiġu mġedda kull sena.  Dawn jinsabu disponibbli għall-pubbliku.

Tagħrif dwar dawn l-Għaqdiet ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 310 31/10/2005

## 212. GĦAWDEX - PERSUNI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL

**15237. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14646, peress li l-Ministru rrisponda li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar, jista' il-Ministru, jekk jogħġbu u jekk l-informazzjoni nġabret, iwieġeb id-domanda?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li n-numru ta' persuni li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol ma' l-ETC taħt l-ewwel u t-tieni parti f'Għawdex 2004 u 2005 kienu kif ġejjin:

| Nies jirreġistraw | Part 1 | Part 2 | Total :- |
|---|---|---|---|
| • Settembru 2004 | 562 | 45 | 607 |
| • Settembru 2005 | 595 | 49 | 644 |

Ser inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella ta' nies Għawdxin li nqatgħu mir-reġistrar minn Ottubru 2004 sa Settembru 2005, maqsuma skond is-sess, eta' u r-raġuni għaliex inqatgħu.  Hemm ukoll tabella oħra ta' kemm saru *'job placements'* mill-ETC minn Ottubru 2004 sa Settembru 2005 lil nies Għawdxin, maqsuma skond is-sess, eta' u f'liema settur instabilhom xogħol.

Seduta 310 31/10/2005

**213. GĦAWDEX - HEALTH INSPECTORS**

**14942. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid għal liema raġuni l-Health Inspectors f'Għawdex intbagħtu għall-*In house training* f'Malta meta dan seta' isir Għawdex u kemm se jdum dan l-*In house training*?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** F'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 14942, jiena nfurmata li kien imperattiv li Spetturi tas-Saħħa f'Għawdex jintbagħtu għal *in house training* f'Malta biex jiġu mħarrġa fuq sistemi li jintużaw f'Malta, b'eżempji u spezzjonijiet reali. Dan biex ngħollu s-servizz mgħoti lill-pubbliku u sabiex l-impjegati jżommu ruħhom aġġornati ma teknika u proceduri moderni fil-qasam tax-xogħol tagħhom. Il-programm preżenti jitlob li kull ufficcjal jattendi ghal sitt '*training sessions*' mifruxa fuq ġimgħatejn. Il-programm jispicca fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2005.

Seduta 307 24/10/2005

**214. MOLLIJIET TAĊ-ĊIRKEWWA**

**14944. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14358 li saret fis-seduta tas-26/09/04, jista' il-Ministru jgħid kemm sewa s'issa x-xogħol tal-mollijiet taċ-Ċirkewwa u ta' l-Imġarr u jagħti *breakdown* ta' l-ispejjeż?

**ONOR. ĊENSU GALEA:** Jien infurmat li n-nefqa li saret s'issa fuq il-proġett tal-mollijiet ġewwa ċ-Cirkewwa u l-Imġarr huwa hekk:

Ċirkewwa Lm7,793,995

Mġarr Lm1,917,328

**Total Lm9,711,323**

Seduta 307 24/10/2005

**215. GĦAWDEX - PULIZIJA**

**14945. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid jekk hemmx xi

pjani li jiżdied in-numru ta' pulizija f'Għawdex?  Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid meta?

**ONOR. TONIO BORG:**  Kif diġa' kelli okkażżjoni li ngħid fit-Tweġibiet għall-Mistoqsijiet preċedenti dwar ċaqliq ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, tali ċaqliq isir meta u kif ikun il-bżonn, fl-aħjar interess ta' l-istess Korp u tal-pubbliku in ġenerali.

Seduta 307                                        24/10/2005

**216. UFFIĊĊJU KONĠUNT - KIRJA TA' PROPRJETA'**

**14947. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA**  staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid għal liema raġuni kienet ġiet itterminata l-kirja mill-Uffiċċju Konġunt li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament?

**ONOR. TONIO BORG:**  Ninsab infurmat li l-kirja tal-fond in kwistjoni qatt ma ġiet terminata.

Seduta 307                                        24/10/2005

**217. ADT - POST TA' MANAGER GOZO**

**14955. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA**  staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' il-Ministru jgħid kemm applikaw għal post ta' Manager Gozo ma' l-Awtorita' tat-Trasport?  Jista' *in oltre* jgħid jekk sarux l-*interviews* u saritx l-għażla?  Jekk fin-negattiv, jista' jgħid meta se jsir dan?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:**  Ninsab infurmat li l-Awtorita' dwar it-Trasport irċeviet disa' applikazzjonijiet.

L-*interviews* saru, imma ħadd ma nstab addattat għal posizzjoni msemmija.

Seduta 307                                        24/10/2005

**218. AFM - SULDATI F'GĦAWDEX**

**14986. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi: Jista' il-Prim Ministru jgħid jekk hemmx xi pjani li jiżdied in-numru ta' suldati f'Għawdex? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid meta?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jien infurmat li l-Forzi Armati ta' Malta s'issa m'għandhom l-ebda pjan li jżidu n-numru ta' suldati f'Għawdex.

Seduta 307 24/10/2005

**219. GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI**

**14895. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm u x'tip ta' materjal qed jinħaraq fl-isptar ġenerali ta' Għawdex? Tista' *in oltre* tgħid xi prekawzjonijiet u/jew x'miżuri qed jittieħdu għas-saħħa u sigurta' tal-pazjenti, ħaddiema u residenti qrib l-isptar biex jiġi minimizzat id-dannu in konsegwenza tal-ħruq?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li t-tip ta' materjal li qed jinħaraq fl-iSptar Ġenerali ta' Għawdex huwa *Clinical Waste* skond kif definit fid-dokument intitolat *Clinical Waste Management Plan For Hospitals and Health Care Facilities of the Health Division* ippublikat mid-Divisjoni tas-Sahha Malta f'Diċembru 2001.

L-iSptar jaħraq madwar 10 boroż (li ma jiżnux iżjed minn 5 kili 'l waħda) u 5 *sharp containers* kuljum.

Biex ikun protett kemm l-istaff u qraba tagħhom, l-iSptar ifformula gwida, *Guidelines on the Safe Handling and Storage of Clinical and Domestic Waste at the Gozo General Hospital* li ħarġet bħala ċirkulari ma' l-iSptar kollu fil-15 ta' April 2004. Din iċ-Ċirkulari tistipula r-regoli ta' kif għandu ikun immaniġġjat l-iskart fl-iSptar, inkluż prekawzjonijiet li jridu jittieħdu biex, kemm jista' jkun, ikunu eliminati l-perikoli. Minn żmien għal żmien anke jsiru audits, sew mill-awtoritajiet ta' l-iSptar kif ukoll minn awtoritajiet oħra, biex ikun żgurat li kollox qed isir kif suppost.

Biex ikun minimizzat d-dannu in konsegwenza tal-ħruq, l-iSptar dejjem jiċċekkja li *Clinical Waste* biss qed jinħaraq u li l-inċineratur jitqabbad f'ħinijiet li jkun ta' l-inqas inkonvenjent għar-residenti. Huwa ppjanat li dan l-inċenatur jingħalaq meta jiġi nstallat l-impjant il-ġdid f'Malta.

Seduta 305 18/10/2005

**220. GĦAWDEX - WASTE TRANSFER STATION**

**14896. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14694, jista' il-Ministru jgħid jekk hijiex se ssir *waste transfer station* ġewwa Għawdex? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid fejn ġejja u f'liema stadju waslet?

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Ninsab infurmat li l-iżvilupp tal-*Waste Transfer Station* qiegħed fl-istadju li jiġi konkluż il- proċess tal-permessi meħtieġa. Is-sit għadu dak li kien tħabbar qabel, jigifieri dak tal- Kus.

Seduta 305 18/10/2005

**221. RABAT GĦWDEX - SKOLA NINU CREMONA**

**14809. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Peress li fl-iskola Ninu Cremona, Rabat, Għawdex l-istudenti ta' Form 5 għadhom mingħajr *teacher* tar-reliġjon, jista' il-Ministru ġentilment jara li din il-problema tiġi ndirizzata?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-problema ġiet indirizzata u solvuta.

Seduta 304 17/10/2005

**222. DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI - FACILITATOR**

**14810. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid jekk hux ser ikun hemm sejħiet għall-ingaġġ ta' *facilitators* mad-dipartiment ta' l-edukazzjoni?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li f'dan l-istadju mhux se jkun hemm sejħiet għal facilitators.

Seduta 304 17/10/2005

**223. GĦAWDEX - ĊENTRU TAD-DETOX**

**14811. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li qed ikun hemm diversi lmenti dwar l-inadegwazzjoni taċ-ċentru tad-

*detox* f'Għawdex u peress li l-pazjenti qed jiġu riferuti lill-*mental section*, tista' il-Ministru tgħid għaliex qed isir dan u x'inhu jżomm lill-gvern milli jattrezza d-*detox* f'Għawdex adegwatament biex dawk il-pazjenti jsibu l-għajnuna kollha meħtieġa biex jiġġieldu l-vizzju tad-droga?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li s-sistema użata f'Għawdex hija li:

1. Wieħed jidħol fis-*Short Stay Ward* għal 24 siegħa ta' osservazzjoni, u jekk ikollu withdrawals tal-*opiates* jingħata methadone biżżejjed biex iwaqqaf dawn il-withdrawals. Dan jista' jsir billi wieħed jippreżenta ruħu l-*casualty* u jiddaħħal l-isptar dak il-ħin stess. Għalhekk dan huwa servizz offrut 24 siegħa kuljum.

2. Il-methadone ma tingħatax biss għall-*withdrawals* peress li tintuża ukoll bħala *maintenance.* Meta xi ħadd li jogħqod Għawdex ikollu bżonn din it-tip ta' servizz huwa jiġi assessjat mid-Detox ta' l-Isptar ta' San Luqa, fejn hemm tobba li huma speċjalizzati f'dan il-qasam. Wara li jiġi stabblit l-ammont ta' methadone li għandu bżonn, huwa ikun jista jeħodha kuljum mill-Isptar t'Għawdex.

3. Jingħata ukoll servizz ta' għoti ta' methadone għal min jieħu l-methadone u hu residenti Malta u jkun għal ġurnata jew ftit żmien Għawdex. Dan isir permezz ta' *liason* dirett mad-detox ta' Malta.

Ninforma wkoll lill-Onorevoli Nterpellant li peress li l-amministrazzjoni ta' l-isptar qatt ma rċiviet ilmenti, ikun aħjar li l-Interpellant jgħadilna x'kienu l-ilmenti speċifiċi ħalli jekk ikun il-każ, tittieħed l-azzjoni neċessarja.

Seduta 304 17/10/2005

## 224. RABAT GĦAWDEX - TAĊ-ĊAWLA H/E

**14812. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Familja u tas-Solidarjeta' Soċjali: Tista' il-Ministru tgħid jekk hux maħsub li jiġu stallati *lifts* fil-blokkijiet ta' appartamenti fil-*housing estate* tal-gvern f'Taċ-Ċawla,. Rabat, Għawdex?

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Ninsab infurmata li l-Awtorita' tad-Djar ma rċeviet ebda applikazzjoni għal stallar ta' *lift* fil-blokki ndikati mill-Onor. Interpellanti. Jekk hemm xi persuna b'diżabilita' ta' mobilita' tgħix f'dawn il-blokki din tista tapplika skond l-iskema relevanti.

Seduta 304 17/10/2005

**225. GĦAWDEX - TA' ĊENĊ**

**14856. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni: Jista' il-Ministru jirrispondi mistoqsija parlamentari 14652 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid: Peress li saru diversi lmenti minħabba storbju kkawżat mill-pompa li hemm fil-ġibjun ta' l-ilma f'Ta' Ċenċ, Sannat, Għawdex, jista' il-Ministru jara li din il-problema tissolva?

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninsab infurmat li l-użu tal-*polishing plant* mibnija dan l-aħħar f'Ta' Ċenċ wassal għall-ħsejjes ikkawżati minn ilma għaddej f'kanna li tagħti għall-ġibjun numru 4.

Sabiex jitnaqqas dan l-inkonvenjent, li ġeneralment kien ikun irraportat minn nassaba madwar il-ġibjun, diġa sar xogħol ta' *sound proofing* u l-ħsejjes naqsu ħafna.

Il-hsejjes mistennija jonqsu aktar b'riżultat ta' żviluppi oħra li ser jsiru u li jwasslu biex il-kanna msemmija tintuża anqas.

Seduta 304 17/10/2005

**<u>226. PERSUNI DIABETIĊI</u>**

**14861. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14538 u għar-risposta relattiva, peress li jirriżulta li l-persuni diabetiċi invistati għandhom kollha 'il fuq minn 16-il sena, tista' il-Ministru tgħid fejn jiġu nvistati pazjenti diabetiċi Għawdxin ta' taħt is-16-il sena?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li pazjenti diabetiċi Għawdxin li jkunu taħt is-16-il sena jiġu nviżtati mill-Konsulent tal-Pedjatrija ġewwa l-isptar t'Għawdex.

Seduta 304 17/10/2005

**<u>227. GĦAJNSIELEM - TRIQ SANT'ANTNIN - RIMI TA' SKART</u>**

**14700. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li fi Triq Sant'Antnin, Għajnsielem, Għawdex qed jintefa' ħafna skart a

detriment tar-residenti u li mhux qed jinġabar, tista' il-Ministru tara li din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li minn spezzjoni li saret fi Triq Sant'Antnin, Għajnsielem jirriżulta li t-triq hija nadifa.

Seduta 303 12/10/2005

**228. GĦAWDEX - GĦALLIEMA FL-ISKEJJEL**

**14701. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid: 1) kemm hemm għalliema f'kull skola primarja u sekondarja u post-sekondarja f'Għawdex; 2) kemm għandu tfal fil-klassi kull għalliem fl-iskejjel primarji f'Għawdex; 3) kemm għandu sigħat kull għalliem u jiġi ndikat is-suġġett fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji f'Għawdex?

**ONOR. LOUIS GALEA:** It-tagħrif mitlub fl-ewwel parti u t-tieni parti tal-Mistoqsija ser jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Mhix il-prattika li jingħata t-tagħrif fl-aħħar parti tal-Mistoqsija.

Seduta 303 12/10/2005

**229. GĦAWDEX - VJOLENZA DOMESTIKA**

**14703. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Familja u tas-Solidarjeta' Soċjali: Tista' il-Ministru ġentilment tgħid kemm daħlu rapporti/talbiet għall-għajnuna minħabba vjolenza domestika f'Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn?

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Ninsab infurmata li matul l-2004, l-Aġenzija Appoġġ irċeviet żewġ talbiet minn Għawdex għall-għajnuna minħabba vjolenza domestika. Matul din is-sena, s'issa, ma kien hemm ebda talba f'dan ir-rigward minn Għawdex.

Seduta 303 12/10/2005

**230. SPTAR ĠENERALI - XIRI TA' APPARAT**

**14739. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 14594, tista' il-Ministru tgħid x'apparat u

makkinarju nxtara din is-sena għall-isptar ġenerali ta' Għawdex, meta nxtara u kemm sewa?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-apparat u l-makkinarju li nxtara għall-Isptar Ġenerali t'Għawdex mill-1 ta' Jannar 2005 sat-30 ta' Settembru 2005 huwa kif muri fil-list annessa.

Seduta 303 12/10/2005

## 231. GĦAWDEX - TA' ĊENĊ

**14652. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: Peress li saru diversi lmenti minħabba storbju kkawżat mill-pompa li hemm fil-ġibjun ta' l-ilma f'Ta' Ċenċ, Sannat, Għawdex, jista' il-Ministru jara li din il-problema tissolva?

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 302 11/10/2005

## 232. PULIZIJA F'GĦAWDEX

**14690. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm hemm pulizija f'Għawdex u jindika r-rank tagħhom? Jista' *in oltre* jgħid kemm ħarġu pulizija bil-pensjoni f'dawn l-aħħar tliet snin?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' membri tal-Korp tal-Pulizija skond ir-rank stazzjonati f'Għawdex fil-preżent huwa kif ġej:-

| | |
|---|---|
| Supretendent | 1 |
| Spettur | 2 |
| Surġent | 18 |
| Kuntistabbli | 74 |

Infurmat ukoll illi bejn Jannar 2003 u Settembru 2005 kien hemm 213 membru tal-Korp li ħarġu bil-pensjoni.

Seduta 302 11/10/2005

**233. UNIVERSITA' TA' MALTA - STUDENTI GĦAWDXIN**

**14692. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid kemm hemm studenti Għawdxin li jattendu l-Universita' ta' Malta, kull kors separatament, u jindika s-sess?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Peress li t-tagħrif għadu qed jinġabar, tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 302 11/10/2005

**234. GĦAWDEX - WASTE TRANSFER STATION**

**14694. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid jekk hijiex se ssir *Waste transfer station* ġewwa Għawdex? Jekk fl-affermattiv, tista' tgħid fejn ġejja u f'liema stadju waslet?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jaghmel il-mistoqsija lill-Ministru koncernat.

Seduta 302 11/10/2005

**235. GĦAWDEX - DETOX CENTRE**

**14644. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm jattendu persuni d-*detox* f'Għawdex u tindika l-eta' u s-sess? Tista' tagħti din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fil-lista annessa.

Seduta 301 10/10/2005

## 236. GĦAWDEX - TIPJIP KONTRA L-LIĠI FI STABILIMENTI

**14645. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' il-Viċi Prim Ministru jgħid kemm tressqu nies il-qorti li nqabdu jpejpu kontra l-liġi ġo stabilimenti f'Għawdex minn meta daħlu fis-seħħ ir-regolamenti l-ġodda dwar it-tipjip s'issa u jindika s-sess u l-eta' ta' dawk li tressqu? Jista' jgħid kemm minnhom instabu ħatja u kemm ġew immultati?

**ONOR. TONIO BORG:** Ninsab infurmat illi minn meta ġew fis-seħħ ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku, il-Pulizija sabet 16-il persuna bi ksur ta' dawn l-istess Regolamenti dwar Għawdex. Dawn kienu 4 nisa u 12 irġiel, u l-eta' tagħhom kienet tvarja bejn is-sbatax u tletin sena. Tlettax instabu ħatja. Għaxra ġew immultati Lm100, wieħed Lm125 u tnejn Lm10.

Seduta 301 10/10/2005

## 237. GĦAWDEX - PERSUNI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL

**14646. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: Jista' il-Ministru jgħid kemm hemm nies f'Għawdex li qed jirreġistraw għax-xogħol ma' l-ETC Part 1 u 2 separatament fl-2004 u l-2005? Kemm inqatgħu nies mir-reġistrar f'din l-aħħar sena? Jista' jindika s-sess u l-eta' tagħhom u r-raġuni għaliex inqatgħu? Jista' jgħid kemm saru *job placements* mill-ETC matul l-2004 sal-lum, f'liema settur u jindika l-eta' u s-sess ta' dawk li nstabilhom xogħol tramite l-ETC?

**ONOR. LOUIS GALEA:** It-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta 301 10/10/2005

## 238. GĦAWDEX - MIŻBLA TAL-QORTIN

**14650. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: Jista' il-Ministru jgħid x'inhu l-kaġun tan-nirien li jaqbdu fil-miżbla tal-Qortin, Għawdex u xi prekawzjonijiet u/jew miżuri ttieħdu biex jiġi eleminat dan l-inkonvenjent?

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Ninsab infurmat li l-ħażna ta' njam u ħatab kienet ħadet in-nar aktar kmieni dan is-sajf. Sakemm dan il-materjal ġie mifrud u mgħotti kollu bit-terrapin kien hemm partijiet li żammew temperatura għolja li setgħu ikkaġunaw nirien żgħar, kif ġie rrapurtat f'sezzjoni tal-*media*.

Seduta 301 10/10/2005

## 239. GĦAWDEX - AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

**14651. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Familja u tas-Solidarjeta' Soċjali: Tista' il-Ministru ġentilment tgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti f'Għawdex għall-akkomodazzjoni soċjali?

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Jien infurmata li d-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali għandu 27 talba għal akkomodazzjoni alternattiva minn Għawdex.

Seduta 301 10/10/2005

## 240. SPTAR GENERALI - XIRI TA' APPARAT

**14594. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ghal Ghawdex: Tista' il-Ministru tghid x'apparat u makkinarju nxtara ghall-isptar generali ta' Ghawdex, meta nxtara u kemm sewa?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Tista' l-Onor. Interpellant tispecifika l-perijodu li ghalih qed tirreferi.

Seduta 300 05/10/2005

## 241. SPTAR GENERALI

**14595. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ghal Ghawdex: Tista' il-Ministru tghid kemm kienet in-nefqa f'din l-ahhar sena ghar-*running* ta' l-isptar generali ta' Ghawdex?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li n-Nefqa mill-1 ta’ Jannar 2004 sal-31 ta’ Dicembru 2004 ghar-*running* ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex kienet ta’ Lm 6,022,165.

Seduta 300 05/10/2005

**242. SKEJJEL - GĦALLIEMA TQAL**

**14519. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impjiegi: F'każ ta' għalliema nisa li jkunu fit-tqala, jista' il-Ministru jgħid jekk hemmx xi arranġament u/jew ftehim dwar il-*load* ta' xogħol tagħhom fl-iskejjel? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid jekk hemmx xi distinzjoni bejn għalliema fl-iskejjel primarji u dawk sekondarji?

**ONOR. LOUIS GALEA:** Informat li l-għalliema nisa li jkunu fit-tqala jingħataw il-load normali li jieħdu l-għalliema l-oħra. Ma ssir ebda distinzjoni bejn għalliema fl-iskejjel primarji u dawk sekondarji.

Seduta 299 04/10/2005

**243. SPTAR ĠENERALI - PAZJENTI TAD-DIJABETE**

**14538. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm ġew invistati pazjenti tad-dijabete fl-isptar ġenerali ta' Għawdex fl-aħħar tliet snin, kull xahar separatament u tindika s-sess u l-eta' ta' kull pazjent?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Fis-sena 2002 ġew eżaminati 1728 pazjenti. Kien hemm 898 ta’ sess maskili u 830 ta’ sess femminil u kienu mqassmin hekk :-

| | **TOTAL** |
|---|---|
| Jannar | 82 |
| Frar | 151 |
| Marzu | 119 |
| April | 148 |
| Mejju | 168 |
| Ġunju | 160 |

| | |
|---|---|
| Lulju | 160 |
| Awissu | 128 |
| Settembru | 145 |
| Ottubru | 230 |
| Novembru | 138 |
| Diċembru | 99 |

Fis-sena 2003 ġew eżaminati 1558. 810 kienu ta' sess maskili u 748 ta' sess femminil u kienu mqassmin hekk :-

| | TOTAL | Maskili | Femminil |
|---|---|---|---|
| Jannar | 141 | 78 | 63 |
| Frar | 114 | 54 | 58 |
| Marzu | 118 | 68 | 50 |
| April | 156 | 75 | 81 |
| Mejju | 120 | 57 | 63 |
| Ġunju | 141 | 65 | 76 |
| Lulju | 138 | 69 | 69 |
| Awissu | 104 | 55 | 49 |
| Settembru | 157 | 81 | 76 |
| Ottubru | 126 | 72 | 57 |
| Novembru | 114 | 61 | 53 |
| Diċembru | 131 | 75 | 56 |

Fis-sena 2004 ġew eżaminati 1581 pażjenti. 833 kienu ta' sess maskili u 748 ta' sess femminil u kienu mqassmin hekk :-

| | TOTAL | Maskili | Femminil |
|---|---|---|---|
| Jannar | 148 | 82 | 66 |
| Frar | 111 | 62 | 49 |
| Marzu | 140 | 68 | 71 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| April | 98 | 42 | 56 |
| Mejju | 110 | 64 | 46 |
| Ġunju | 120 | 63 | 57 |
| Lulju | 149 | 73 | 75 |
| Awissu | 142 | 74 | 68 |
| Settembru | 133 | 68 | 65 |
| Ottubru | 148 | 78 | 70 |
| Novembru | 163 | 93 | 70 |
| Diċembru | 120 | 65 | 55 |

L-eta' tal-pażjenti tvarja bejn 16-il sena u 93 sena..

Seduta 299 04/10/2005

**244. STUDENTI GĦAWDXIN - SUSSIDJU/ALLOWANCES**

**14587. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid għal liema raġuni qed issir distinzjoni bejn studenti Għawdxin li jattendu l-Universita' u dawk li jattendu l-MCAST għal skopijiet ta' sussidju u/jew *allowances* ta' l-istudenti li jingħata mill-ministeru?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nixtieq ngharraf lill-Onorevoli Nterpellant li l-Ministeru ghal Ghawdex diga ha l-passi necessarji sabiex jizdied l-ammont ta' sussidju li kemm l-istudenti Universitarji Ghawdxin kif ukoll dawk li jattendu l-MCAST u Istituzzjonijiet Governattivi ohra diga qeghdin jircievu. Fil-fatt il-Gvern ghadu kemm habbar incentiv gdid lill-istudenti Ghawdxin li jsegwu kors fuq bazi 'full-time' fl-Universita ta' Malta jew f'istituti ohra f'Malta. B'hekk l-ghajnuna finanzjarja li qeghdin jircievu dawn l-istudenti Ghawdxin se tizdied b'Lm35 ohra fix-xahar.

Seduta 299 04/10/2005

**245. MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KIRI TA' KAROZZI**

**14589. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' il-Ministru tgħid kemm-il karozza jikri l-ministeru u tagħti l-informazzjoni għal kull dipartiment separatament, l-għamla tal-karozza u kemm kull karozza tinkera kuljum?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabell li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 299 04/10/2005

**246. QORTI TA' GĦAWDEX - OFFICE EQUIPMENT**

**14590. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li fil-qorti ta' Għawdex qed isiru ilmenti dwar nuqqas ta' *stationery* u *office equipment* ieħor, tista' il-Ministru tara li dan in-nuqqas jiġi rimedjat?

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li ghand id-Direttur tal-Qrati u Tribunali f'Ghawdex ma wasal ebda ilment u lanqas ma jirrizulta li hemm xi nuqqas ta *stationery* u *office equipment* fil-Qrati t'Ghawdex.

Seduta 299 04/10/2005

**247. ASSOĊJAZZJONI TAL-MINIBUSES - ŻIEDA FL-INSURANCES**

**14593. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u t-Toroq: Jista' il-Ministru jgħid f'liema stadju waslet id-diskussjoni bejn l-Omnibus pool u l-assoċjazzjoni tal-*minibuses* ħomor dwar iż-żieda fl-*insurances* u dan peress li ħafna sidien tal-*minibuses* ma jafx x'jagħmlu dwar il-polza tagħhom?

**ONOR. JESMOND MUGLIETT:** Ninsab infurmat li l-Malta Financial Services Authority qegħda twettaq investigazzjoni biex tivverifika:

- li l-proċeduri ta' l-Omnibus Pool jikkonforma mall-mod stabbilit ta' kif joperaw il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni

- il-mod ta' kif ġew rappurtati u mħallsin *claims* lil terzi bejn is-snin 2001 u 2004

- jekk għal xi raġuni li tirriżulta mill-punti imsemmija hawn fuq, iż-żieda ta' 15% fil-*premiums* għas-sena 2005 għandiex bżonn tiġi aġġustata

Din l-investigazzjoni hija mistennija li titlesta għall-aħħar t'Ottubru 2005.

Fil-perjodu li fih qegħda ssir l-investigazzjoni, il-membri ta' l-assoċjazzjoni tal-*minibuses* ġew mogħtija estensjoni ta' l-assigurazzjoni fuq il-vetturi tagħhom.

Seduta 299 04/10/2005